SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

4 ta' Ottubru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern – Kompetizzjoni – Leġiżlazzjoni stabbilita minn assoċjazzjoni sportiva internazzjonali u implimentata minnha bl-assistenza tal-membri tagħha – Futbol professjonali – Entitajiet irregolati mid-dritt privat li għandhom setgħat regolatorji, ta' kontroll u ta' sanzjoni – Leġiżlazzjoni dwar l-istatus u t-trasferiment tal-plejers – Regoli dwar kuntratti ta' xogħol konklużi bejn klabbs u plejers – Terminazzjoni prematura ta' kuntratt ta' xogħol mill-plejer – Kumpens impost fuq il-plejer – Responsabbiltà *in solidum* tal-klabb il-ġdid – Sanzjonijiet – Projbizzjoni tal-ħruġ taċ-ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment tal-plejer u r-reġistrazzjoni tiegħu sakemm tkun pendenti tilwima marbuta mat-terminazzjoni prematura tal-kuntratt ta' xogħol – Projbizzjoni ta' reġistrazzjoni ta' plejers oħra – Artikolu 45 TFUE – Ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema – Ġustifikazzjoni – Artikolu 101 TFUE – Deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li għandha bħala għan il-prevenzjoni jew ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni – Suq tax-xogħol – Reklutaġġ ta' plejers mill-klabbs – Suq tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs – Parteċipazzjoni ta' klabbs u ta' plejers fil-kompetizzjonijiet sportivi – Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan – Eżenzjoni"

Fil-Kawża C-650/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Ottubru 2022, fil-proċedura

Fédération internationale de football association (FIFA)

vs

BZ,

fil-preżenza ta':

Union royale belge des sociétés de football association ASBL (URBSFA),

Sporting du Pays de Charleroi SA,

Fédération internationale des footballeurs professionnels,

Fédération internationale des footballeurs professionnels – Division Europe,

Union nationale des footballeurs professionnels (UNFP),

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Prechal, Presidenta tal-Awla, F. Biltgen, N. Wahl, J. Passer (Relatur) u M. L. Arastey Sahún, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: C. Di Bella, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-18 ta' Jannar 2024,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Fédération internationale de football association (FIFA), minn A. Laes, avocat, u D. Van Liedekerke, advocaat,

– għal BZ, minn J-E. Barthélemy, J.-L. Dupont, P. Henry, M. Hissel u F. Stockart, avocats,

– għall-Union royale belge des sociétés de football association ASBL (URBSFA), minn N. Cariat, E. Matthys u A. Stévenart, avocats,

– għall-Fédération internationale des footballeurs professionnels, minn C. De Preter u P. Paepe, avocats,

– għall-Fédération internationale des footballeurs professionnels – Division Europe, minn J-E. Barthélemy, C. De Preter u P. Paepe, avocats,

– għall-Union nationale des footballeurs professionnels (UNFP), minn C. De Preter, P. Paepe u R. Palao, avocats,

– għall-Gvern Elleniku, minn K Boskovits u C. Kokkosi, bħala aġenti,

– għall-Gvern Franċiż, minn R. Bénard u V. Depenne, bħala aġenti,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn D. Del Gaizo u S. L. Vitale, avvocati dello Stato,

– għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér, E. Gyarmati u K. Szíjjártó, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. Baches Opi, T. Baumé, B.-R. Killmann u G. Meessen, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta' April 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Fédération internationale de football association (FIFA) u BZ dwar talba ta' dan tal-aħħar intiża għall-kumpens għad-dannu li huwa jqis li ġarrab minħabba l-aġir żbaljat tal-FIFA u tal-Union royale belge des sociétés de football association ASBL (URBSFA).

I. Il-kuntest ġuridiku

A. L-Istatuti tal-FIFA

3 Il-FIFA hija assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat li għandha s-sede tagħha fl-Isvizzera. Skont l-Artikolu 2 tal-Istatuti tagħha, fl-edizzjoni tiegħu ta' Settembru 2020, hija għandha bħala għan, b'mod partikolari, "li tistabbilixxi regoli u dispożizzjonijiet li jirregolaw il-futbol u l-kwistjonijiet relatati miegħu, u li tiżgura l-osservanza tagħhom", kif ukoll "li tikkontrolla l-futbol f'kull forma tiegħu permezz tal-adozzjoni tal-miżuri kollha li huma neċessarji jew li jistgħu jiġu rrakkomandati sabiex jiġi evitat il-ksur tal-Istatuti, tar-regolamenti, tad-deċiżjonijiet tal-FIFA u tal-[l]iġijiet tal-[l]ogħba".

4 Konformement mal-Artikoli 11 u 14 tal-Istatuti tal-FIFA, kull "assoċjazzjoni responsabbli għall-organizzazzjoni u għall-kontroll tal-futbol" f'pajjiż partikolari tista' ssir membru tal-FIFA bil-kundizzjoni, b'mod partikolari, li tkun diġà membru ta' waħda mis-sitt konfederazzjonijiet kontinentali rrikonoxxuti mill-FIFA u msemmija fl-Artikolu 22 ta' dawn l-istatuti, li fosthom hemm l-Union des associations européennes de football (l-Unjoni tal-Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-Futbol) (UEFA), kif ukoll li timpenja ruħha minn qabel li tikkonforma kemm mal-Istatuti, mar-regolamenti, mad-direttivi u mad-deċiżjonijiet tal-FIFA kif ukoll ma' dawk tal-konfederazzjoni kontinentali li din l-assoċjazzjoni tkun diġà membru tagħhom. Fil-prattika, bħalissa iktar minn 200 assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol huma membri tal-FIFA. F'din il-kwalità, huma għandhom, bis-saħħa tal-Artikoli 14 u 15 tal-Istatuti tal-FIFA, l-obbligu, b'mod partikolari, li jaraw li l-membri tagħhom jew l-affiljati tagħhom josservaw l-Istatuti, ir-regolamenti, id-direttivi u d-deċiżjonijiet tal-FIFA, kif ukoll li jiżguraw li dawn ikunu osservati mill-atturi kollha tal-futbol, b'mod partikolari mill-kampjonati professjonali, mill-klabbs u mill-plejers.

5 Fost il-membri tal-FIFA u tal-UEFA hemm l-URBSFA, li għandha s-sede tagħha fil-Belġju u li l-għan tagħha huwa, b'mod partikolari, li tiżgura l-organizzazzjoni u l-promozzjoni tal-futbol f'dan l-Istat Membru. Bis-saħħa tal-Istatuti tagħha stess, din l-assoċjazzjoni tintrabat li tikkonforma ruħha mal-Istatuti, mar-regolamenti u mad-deċiżjonijiet tal-FIFA u tal-UEFA, kif ukoll li tiżgura l-osservanza tagħhom mill-membri tagħha, "bla ħsara għall-prinċipji ġenerali tad-dritt, għad-dispożizzjonijiet ta' ordni pubbliku u għal-leġiżlazzjonijiet imperattivi nazzjonali, reġjonali u Komunitarji f'dan il-qasam".

B. Il-leġiżlazzjoni tal-FIFA dwar l-istatus u t-trasferiment tal-plejers

6 Fit-22 ta' Marzu 2014, il-FIFA adottat ir-"Regolament dwar l-Istatus u t-Trasferiment ta' Plejers" (iktar 'il quddiem ir-"RSTP"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu ta' wara, u ssostitwixxa regolament preċedenti li kellu l-istess suġġett.

7 Il-parti introduttiva tar-RSTP, intitolata "Definizzjonijiet", tinkludi s-silta li ġejja:

"Għall-interpretazzjoni ta' dan ir-regolament, it-termini li ġejjin huma ddefiniti kif ġej:

1. Assoċjazzjoni preċedenti: l-assoċjazzjoni li magħha huwa affiljat il-klabb preċedenti.

2. Klabb preċedenti: il-klabb li l-plejer jitlaq minnu.

3. Assoċjazzjoni ġdida: l-assoċjazzjoni li magħha huwa affiljat il-klabb il-ġdid.

4. Klabb ġdid: il-klabb li l-plejer jingħaqad miegħu.

[…]

6. Futbol organizzat: il-futbol organizzat taħt l-awspiċi tal-FIFA, tal-konfederazzjonijiet u tal-assoċjazzjonijiet, jew awtorizzat minnhom.

7. Perijodu protett: perijodu ta' tliet staġuni sħaħ jew ta' tliet snin – il-perijodu li t-tmiem tiegħu jseħħ l-ewwel huwa kkunsidrat – wara d-dħul fis-seħħ ta' kuntratt jekk il-kuntratt inkwistjoni jkun ġie konkluż qabel t-28 sena tal-plejer professjonali, jew perijodu ta' żewġ staġuni sħaħ jew ta' sentejn – il-perijodu li t-tmiem tiegħu jseħħ l-ewwel huwa kkunsidrat – wara d-dħul fis-seħħ ta' kuntratt jekk il-kuntratt inkwistjoni jkun ġie konkluż wara t-28 sena tal-plejer professjonali.

[…]

9. Staġun: perijodu li jibda mal-ewwel logħba uffiċjali tal-kampjonat nazzjonali u li jintemm mal-aħħar logħba uffiċjali tal-kampjonat nazzjonali.

[…]"

8 L-Artikolu 1 tar-RSTP, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli universali u vinkolanti dwar l-istatus tal-plejers u l-eliġibbiltà tagħhom sabiex jieħdu sehem fil-futbol organizzat, kif ukoll it-trasferiment tagħhom bejn klabbs li jappartjenu għal assoċjazzjonijiet differenti."

9 L-Artikolu 2 tar-RSTP, intitolat "Status tal-plejer: plejers dilettanti u plejers professjonali", huwa redatt kif ġej:

"1. Il-plejers li jipparteċipaw fil-futbol organizzat huma jew dilettanti jew professjonali.

2. Huwa kkunsidrat bħala plejer professjonali kull plejer li għandu kuntratt bil-miktub ma' klabb u li jirċievi, għall-attività tal-futbol tiegħu, ħlas li jaqbeż l-ammont tal-ispejjeż attwali li huwa jġarrab. Il-plejers l-oħra kollha għandhom jitqiesu bħala dilettanti."

10 L-Artikolu 5 tar-RSTP, intitolat “Reġistrazzjoni”, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Plejer għandu jkun irreġistrat ma’ assoċjazzjoni sabiex jilgħab ma’ klabb jew bħala professjonali jew bħala dilettant, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2. Huma biss il-plejers irreġistrati li huma eleġibbli sabiex jipparteċipaw fil-futbol organizzat. Ir-reġistrazzjoni ta’ plejer timplika l-aċċettazzjoni tiegħu li jikkonforma ruħu mal-Istatuti u mar-regolamenti tal-FIFA, tal-konfederazzjonijiet u tal-assoċjazzjonijiet.”

11 L-Artikolu 6 tar-RSTP, intitolat “Perijodi ta’ reġistrazzjoni”, jiddisponi, fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 tiegħu, li “[p]lejer jista’ jiġi rreġistrat biss matul wieħed miż-żewġ perijodi ta’ reġistrazzjoni annwali ffissati għal dan l-għan mill-assoċjazzjoni kkonċernata”.

12 Barra minn hekk, ir-RSTP jinkludi, b’mod partikolari, regoli dwar il-kuntratti ta’ xogħol konklużi bejn plejer u klabb kif ukoll regoli dwar it-trasferiment ta’ plejers.

1. Ir-regoli dwar il-kuntratti ta’ xogħol

13 Bis-saħħa tal-Artikolu 13 tar-RSTP, intitolat “Osservanza tal-kuntratti”:

“Kuntratt bejn plejer professjonali u klabb jista’ jintemm biss mal-iskadenza tiegħu jew bi ftehim komuni.”

14 Skont l-Artikolu 14 tar-RSTP, intitolat “Terminazzjoni tal-kuntratt għal raġuni valida”:

“Fil-każ ta’ raġuni valida, kuntratt jista’ jiġi xolt minn waħda mill-partijiet mingħajr ma jkun hemm konsegwenzi (la ħlas ta’ kumpens u lanqas sanzjonijiet sportivi).”

15 Skont l-Artikolu 16 tar-RSTP, intitolat “Projbizzjoni ta’ xoljiment ta’ kuntratt matul staġun”:

“Kuntratt ma jistax jiġi xolt unilateralment matul staġun.”

16 L-Artikolu 17 tar-RSTP, intitolat “Konsegwenzi ta’ terminazzjoni ta’ kuntratt mingħajr raġuni valida”, jipprevedi:

“Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw meta kuntratt jiġi xolt mingħajr raġuni valida:

1. F’kull każ, il-parti li tkun itterminat il-kuntratt għandha tħallas kumpens. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 u tal-Anness 4 fir-rigward tal-kumpens għat-taħriġ, u sakemm mhux ipprovdut mod ieħor fil-kuntratt, il-kumpens għall-ksur għandu jiġi kkalkolat bil-kunsiderazzjoni dovuta għad-dritt fis-seħħ fil-pajjiż ikkonċernat, għall-ispeċifiċità tal-isport, u għal kwalunkwe kriterju oġġettiv ieħor. Dawn il-kriterji għandhom jinkludu, b’mod partikolari, ir-remunerazzjoni u benefiċċji oħra dovuti lill-plejer taħt il-kuntratt eżistenti u/jew taħt il-kuntratt il-ġdid, iż-żmien li fadal taħt il-kuntratt eżistenti sa massimu ta’ ħames snin, il-miżati u l-ispejjeż imħallsa jew sostnuti mill-klabb preċedenti (amortizzati fuq tul il-kuntratt) u jekk il-ksur kuntrattwali jaqax f’perijodu protett.

2. Id-dritt għal kumpens ma jistax jiġi assenjat lil terza persuna. Jekk plejer professjonali jkun meħtieġ iħallas kumpens, il-plejer professjonali u l-klabb il-ġdid tiegħu jkunu responsabbli *in solidum* bejniethom għall-ħlas tiegħu. L-ammont jista’ jiġi stipulat fil-kuntratt jew miftiehem bejn il-partijiet.

[…]

4. B'żieda mal-obbligu għall-ħlas tal-kumpens, għandhom jiġu imposti sanzjonijiet sportivi fuq kull klabb li jinstab li kiser il-kuntratt jew jinstab li qiegħed jinduċi t-terminazzjoni tal-kuntratt matul perijodu protett. Għandu jkun hemm preżunzjoni, sakemm ma jiġix stabbilit bil-kontra, li kull klabb li jiffirma plejer professjonali li jkun ittermina l-kuntratt tiegħu mingħajr raġuni valida, ikun induċa lil dak il-plejer professjonali jwettaq ksur. Il-klabb għandu jkun ipprojbit milli jirreġistra plejers ġodda, kemm nazzjonalment kif ukoll internazzjonalment, għal żewġ perijodi ta' reġistrazzjoni sħaħ u konsekuttivi. Il-klabb għandu jkun jista' jirreġistra plejers ġodda, kemm nazzjonalment kif ukoll internazzjonalment, mal-perijodu ta' reġistrazzjoni sussegwenti biss wara li jkun skonta s-sanzjoni sportiva sħiħa. B'mod partikolari, huwa ma jkunx jista' juża l-eċċezzjoni u l-miżuri provviżorji stipulati fl-Artikolu 6(1) ta' dawn ir-regolamenti sabiex jirreġistra plejers fi stadju iktar bikri."

17 L-Artikolu 22 tar-RSTP, intitolat "Ġurisdizzjoni tal-FIFA", jistabbilixxi:

"Bla ħsara għad-dritt ta' kull plejer jew klabb li jitlob kumpens quddiem qorti ċivili għal tilwim relatat max-xogħol, il-ġurisdizzjoni tal-FIFA testendi:

a) għat-tilwim bejn klabbs u plejers dwar iż-żamma tal-istabbiltà kuntrattwali (Artikoli 13-18) jekk tkun saret talba għal [ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment (ĊIT)] u jekk ikun hemm ilment minn parti fir-rigward ta' din it-talba ta' ĊIT, b'mod partikolari dwar il-ħruġ tiegħu, is-sanzjonijiet sportivi jew il-kumpens għal terminazzjoni ta' kuntratt;

[…]"

18 L-Artikolu 24 tar-RSTP, intitolat "Kamra għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim", jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-Kamra għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim (KRT) għandha s-setgħa li tiddeċiedi kull tilwima msemmija fl-[Artikolu 22(a), (b) u (e)] bl-eċċezzjoni ta' tilwim li jikkonċernaw il-ħruġ ta' ĊIT."

2. Ir-regoli dwar it-trasferimenti

19 L-Artikolu 9 tar-RSTP, intitolat "Ċertifikat Internazzjonali ta Trasferiment", jistabbilixxi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Plejer irreġistrat ma' assoċjazzjoni jista' jiġi rreġistrat ma' assoċjazzjoni ġdida biss meta din tal-aħħar tkun irċeviet [ĊIT] stabbilit mill-assoċjazzjoni preċedenti. Iċ-ĊIT għandu jingħata mingħajr kundizzjonijiet, mingħajr ħlas u mingħajr limitu ta' żmien. Kull dispożizzjoni kuntrarja hija nulla u bla effett. L-assoċjazzjoni li toħroġ iċ-ĊIT għandha tissottometti kopja lill-FIFA. Il-proċedura amministrattiva għall-ħruġ taċ-ĊIT hija deskritta fl-[Artikolu] 8 tal-Anness 3 […] ta' dan ir-regolament."

20 L-Anness 3 tar-RSTP, intitolat "Sistema ta' regolazzjoni tat-trasferimenti", jinkludi b'mod partikolari l-Artikolu 8 iddedikat għall-"Proċedura amministrattiva għat-trasferiment ta' plejers professjonali bejn assoċjazzjonijiet", li jiddisponi:

"8.1 Prinċipji

1. Kull plejer professjonali rreġistrat ma' klabb affiljat ma' assoċjazzjoni jista' jiġi rreġistrat ma' klabb affiljat ma' assoċjazzjoni oħra biss wara li jkun inħareġ ĊIT mill-assoċjazzjoni preċedenti u l-assoċjazzjoni l-ġdida tkun ikkonfermat li rċeviet l-imsemmi ĊIT. […]

[…]

8.2 Ħolqien ta' ĊIT għal plejer professjonali

[…]

3. Malli tirċievi t-talba ta' ĊIT, l-assoċjazzjoni preċedenti għandha titlob lill-klabb preċedenti u lill-plejer professjonali sabiex jippreċiżaw jekk il-kuntratt skadiex, jekk ġiex xolt qabel iż-żmien bi ftehim komuni jew jekk iż-żewġ partijiet humiex opposti permezz ta' tilwima kuntrattwali.

4. F'terminu ta' sebat ijiem mid-data tat-talba għal ĊIT, l-assoċjazzjoni preċedenti għandha […]:

a) toħroġ iċ-ĊIT favur l-assoċjazzjoni l-ġdida u tinkludi d-data tat-tneħħija tal-plejer; jew

b) tiċħad it-talba ta' ĊIT u tindika […] ir-raġuni għar-rifjut, li tista' tkun jew il-fatt li l-kuntratt bejn il-klabb preċedenti u l-plejer professjonali ma skadiex, jew li ma kienx hemm ftehim reċiproku dwar ix-xoljiment prematur tal-kuntratt.

[…]

7. L-assoċjazzjoni preċedenti ma toħroġx ĊIT jekk il-klabb preċedenti u l-plejer professjonali huma opposti permezz ta' tilwima kuntrattwali fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi stipulati fl-[Artikolu] 8.2(4b) ta' dan l-anness. F'dan il-każ, fuq talba tal-assoċjazzjoni l-ġdida, il-FIFA tista' tieħu miżuri provviżorji f'każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali. […] Barra minn hekk, il-plejer professjonali, il-klabb preċedenti u/jew il-klabb il-ġdid jistgħu jressqu kawża quddiem il-FIFA, konformement mal-[Artikolu] 22. Il-FIFA mbagħad tiddeċiedi fuq l-istabbiliment taċ-ĊIT u fuq sanzjonijiet sportivi eventwali fi żmien sittin jum. Fil-każijiet kollha, id-deċiżjoni meħuda dwar is-sanzjonijiet sportivi għandha tittieħed qabel ma jinħareġ iċ-ĊIT. Il-ħruġ taċ-ĊIT ma huwiex ser jippreġudika d-dritt għal kumpens għal terminazzjoni ta' kuntratt."

II. Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

21 BZ huwa ex plejer tal-futbol professjonali li jirrisjedi f'Pariġi (Franza).

22 Fl-20 ta' Awwissu 2013, huwa ffirma kuntratt ta' xogħol għal perijodu ta' erba' snin mal-Futbolny Klub Lokomotiv, magħruf ukoll bħala Lokomotiv Moska, li huwa klabb tal-futbol professjonali stabbilit fir-Russja.

23 Fit-22 ta' Awwissu 2014, il-Lokomotiv Moska xolja dan il-kuntratt għal raġunijiet marbuta, fil-fehma tiegħu, mal-aġir ta' BZ. Fil-15 ta' Settembru 2014, dan il-klabb adixxa lill-KRT, abbażi tal-Artikolu 22(a) u tal-Artikolu 24 tar-RSTP, b'talba intiża għall-kundanna ta' BZ għall-ħlas ta' kumpens ta' EUR 20 miljun, billi invoka l-eżistenza ta' "terminazzjoni ta' kuntratt mingħajr raġuni valida" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-RSTP. Sussegwentement, BZ ressaq quddiem il-KRT kontrotalba intiża sabiex il-Lokomotiv Moska jiġi kkundannat iħallsu pagi mhux imħallsa kif ukoll kumpens ugwali għall-ammont tar-remunerazzjoni li kienet tkun dovuta lilu bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt li kieku dan iddekorra sat-tmiem tiegħu.

24 BZ jindika li sussegwentement fittex klabb tal-futbol professjonali ġdid li seta' jirreklutah. Huwa jippreċiża li, fil-kuntest ta' din ir-riċerka, huwa kien ikkonfrontat bid-diffikultajiet ikkawżati mir-riskju, li kull klabb li jista' jimpjegah jista' jkun responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-kumpens li huwa jista' jkollu jħallas lil-Lokomotiv Moska, bis-saħħa tal-Artikolu 17 tar-RSTP.

25 Permezz ta' ittra tad-19 ta' Frar 2015, is-Sporting du Pays de Charleroi SA, li huwa klabb tal-futbol professjonali stabbilit fil-Belġju, ippropona lil BZ li jirreklutah, filwaqt li stipula li dan l-impjieg kien suġġett għal żewġ kundizzjonijiet sospensivi ta' natura kumulattiva li jikkonsistu, l-ewwel, li dan jiġi rreġistrat u jkun eliġibbli regolarment fi ħdan it-tim ewlieni ta' dan il-klabb sabiex jipparteċipa f'kull kompetizzjoni organizzata mill-FIFA, mill-UEFA u mill-URBSFA li għaliha jintgħażel u, it-tieni, li l-imsemmi klabb jikseb il-konferma bil-miktub u mingħajr kundizzjonijiet li ma jistax jinżamm *in solidum* għall-ħlas ta' kull kumpens li BZ eventwalment ikollu jħallas fil-konfront tal-Lokomotiv Moska.

26 Permezz ta' ittra tal-20 ta' Frar 2015, BZ indirizza lill-FIFA u lill-URBSFA sabiex jikseb l-assigurazzjoni, minn naħa, li huwa jista' jiġi rreġistrat u jkun eliġibbli regolarment sabiex jilgħab fi ħdan it-tim ewlieni tas-Sporting du Pays de Charleroi u, min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 17 tar-RSTP ma huwiex applikat għal dan il-klabb. Il-FIFA weġbitu li kien biss il-korp deċiżjonali kompetenti tagħha li kellu s-setgħa li japplika r-RSTP. Min-naħa tagħha, l-URBSFA rrispondietu li, konformement mar-regoli stabbiliti mill-FIFA, ir-reġistrazzjoni tiegħu ma tistax issir sakemm ĊIT ma jkunx inħareġ mil-Lokomotiv Moska.

27 Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Mejju 2015, il-KRT, l-ewwel nett, laqgħet parzjalment it-talba tal-Lokomotiv Moska u kkundannat lil BZ iħallsu kumpens ta' EUR 10.5 miljuni. It-tieni nett, huwa ċaħad il-kontrotalba ta' BZ. It-tielet nett, huwa ddikjara li l-punt 2 tal-Artikolu 17 tar-RSTP ma japplikax għal BZ għall-futur.

28 Adit b'rikors minn BZ, it-Tribunal arbitral du sport (it-Tribunal ta' Arbitraġġ għall-Isport) (iktar 'il quddiem it-"TAS"), korp li għandu s-sede tiegħu f'Lausanne (l-Isvizzera), ikkonferma din id-deċiżjoni fis-27 ta' Mejju 2016.

29 Fl-24 ta' Lulju 2015, BZ ġie impjegat minn klabb ieħor tal-futbol professjonali, stabbilit fi Franza.

30 Fid-9 ta' Diċembru 2015, BZ adixxa lit-tribunal de commerce du Hainaut (division de Charleroi) (il-Qorti Kummerċjali ta' Hainaut, Diviżjoni ta' Charleroi, il-Belġju), b'talba intiża sabiex il-FIFA u l-URBSFA jiġu kkundannati jħallsuh kumpens ta' EUR 6 miljuni, bħala kumpens għad-dannu li huwa qies li ġarrab minħabba l-aġir żbaljat ta' dawn iż-żewġ assoċjazzjonijiet.

31 Permezz ta' sentenza tad-19 ta' Jannar 2017, dik il-qorti ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tat-talba ta' BZ u ddikjaratha bħala prinċipju fondata. Hija kkundannat *in solidum* lill-FIFA u lill-URBSFA jħallsu somma provviżorja lil BZ, filwaqt li rreġistrat, għall-bqija, il-kawża fil-lista sabiex tippermetti lill-partijiet iqajmu l-kwistjoni tad-determinazzjoni tal-ammont tad-dannu mġarrab minn BZ fil-Belġju minħabba l-aġir żbaljat ta' dawn iż-żewġ assoċjazzjonijiet.

32 Il-FIFA appellat minn din is-sentenza quddiem il-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons, il-Belġju), li hija l-qorti tar-rinviju. Hija essenzjalment titlob lil din il-qorti, prinċipalment, tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tat-talba ta' BZ minħabba li din

taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tat-TAS jew, tal-inqas, li din it-talba ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Belġjani. Sussidjarjament, il-FIFA titlob lill-qorti tar-rinviju tiddikjara l-imsemmija talba inammissibbli jew, fin-nuqqas ta' dan, infondata.

33 L-URBSFA, li ġiet imsejħa fil-proċedura, tippreżenta talbiet simili.

34 Is-Sporting du Pays de Charleroi, li ppreżenta rikors għal intervent volontarju quddiem il-qorti tar-rinviju, isostni t-talbiet tal-FIFA u tal-URBSFA.

35 Min-naħa tiegħu, BZ, li ppreżenta appell inċidentali, essenzjalment jitlob li l-qorti tar-rinviju, minn naħa, tiddeċiedi li l-Artikolu 17 tar-RSTP, l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament u l-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 tal-imsemmi regolament jiksru l-Artikoli 45 u 101 TFUE, u, min-naħa l-oħra, tikkundanna *in solidum* lill-FIFA u lill-URBSFA jikkumpensaw id-dannu li huwa ġarrab minħabba l-eżistenza kif ukoll l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli.

36 Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons), wara li ddeċidiet li kemm l-appell tal-FIFA kif ukoll ir-rikors għal intervent volontarju tas-Sporting du Pays de Charleroi kienu ammissibbli, tqis, fl-ewwel lok, li t-tribunal de commerce du Hainaut (division de Charleroi) (il-Qorti Kummerċjali ta' Hainaut, Diviżjoni ta' Charleroi), ġustament iddikjara li kellu ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedi dwar it-talba ta' BZ sa fejn din tirrigwarda l-kumpens għad-dannu mġarrab minn dan tal-aħħar fil-Belġju.

37 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis, qabelxejn, li din it-talba ma tistax titqies li taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tat-TAS bis-saħħa ta' ftehim ta' arbitraġġ li jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' validità meħtieġa bis-saħħa tad-dritt Belġjan, fid-dawl tan-natura ġenerali, mhux differenzjata u impreċiża tad-dispożizzjonijiet tal-istatuti tal-FIFA li għalihom tirreferi din l-assoċjazzjoni sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' tali ftehim f'dan il-każ.

38 Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju tqis li l-imsemmija talba taqa' effettivament taħt il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti tal-ewwel istanza sa fejn din tikkonċerna kemm l-URBSFA kif ukoll il-FIFA. Fil-fatt, fir-rigward tal-URBSFA, din il-kompetenza seħħet, peress li s-sede ta' din l-assoċjazzjoni hija stabbilita fil-Belġju u BZ jinvoka l-eżistenza ta' dannu li seħħ f'Charleroi, post fejn huwa ma setax jeżerċita l-attività tiegħu ta' plejer tal-futbol professjonali minkejja l-proposta ta' impjieg li kienet ġiet indirizzata lilu mis-Sporting du Pays de Charleroi. Bl-istess mod, fir-rigward tal-FIFA, tali ġurisdizzjoni seħħet, minkejja l-fatt li s-sede ta' din l-assoċjazzjoni hija stabbilita fl-Isvizzera, peress li BZ jikkontesta r-responsabbiltà delittwali jew kważi delittwali tagħha, li l-fatt dannuż li huwa jinvoka seħħ fi Charleroi (il-Belġju) u li teżisti rabta partikolarment stretta bejn it-tilwima fost il-partijiet fuq dan is-suġġett u l-imsemmija qorti. Madankollu, l-għażla ta' BZ li jadixxi lit-tribunal de commerce du Hainaut (division de Charleroi) (il-Qorti Kummerċjali ta' Hainaut, Diviżjoni ta' Charleroi), ikollha l-konsegwenza li l-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti tkun limitata għad-dannu li l-persuna kkonċernata setgħet ġarrbet fil-Belġju.

39 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tqis li l-FIFA u l-URBSFA ma humiex iġġustifikati li jallegaw l-eżistenza ta' "frodi tal-ġurisdizzjoni", minħabba l-fatt li BZ ħoloq artifiċjalment kontenzjuż fil-Belġju billi kiseb, permezz ta' manuvri frawdolenti, proposta ta' impjieg fittizju min-naħa tas-Sporting du Pays de Charleroi. F'dan ir-rigward, hija tqis li huwa pprovat, l-ewwel nett, li BZ ħa passi sabiex jinvolvi ruħu minn diversi klabbs stabbiliti fi Stati Membri differenti tal-Unjoni u li, skont l-istampa, kienu wrew interess fil-konfront tiegħu, it-tieni nett, li s-Sporting du Pays de Charleroi ħa l-inizjattiva unilaterali li jipproponilu li jimpjegah, it-tielet nett, li BZ

immedjatament ipproċeda bid-diliġenza neċessarja sabiex jiżgura l-osservanza tal-kundizzjonijiet sospensivi stipulati f'din il-proposta u, ir-raba' nett, li ma kienx irraġonevoli għalih li jipprova jsegwi tali proposta, li kienet l-unika waħda li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jkompli l-karriera professjonali tiegħu minkejja t-tilwima tiegħu mal-Lokomotiv Moska kif ukoll sabiex jillimita d-dannu li jirriżulta mill-interruzzjoni tal-attività ekonomika tiegħu għal diversi xhur.

40 Fit-tieni lok, il-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) tqis li t-talba ta' BZ hija ammissibbli, peress li din tiġġustifika b'mod suffiċjenti fid-dritt interess ġuridiku, bħala detentur ta' dritt suġġettiv li jqis li ġarrab dannu minħabba l-aġir żbaljat tal-FIFA u tal-URBSFA.

41 Fit-tielet u fl-aħħar lok, il-qorti tar-rinviju tesponi li t-tilwima fil-kawża prinċipali teħtieġ li tiġi deċiża l-kwistjoni dwar jekk id-dannu li BZ iqis li ġarrab, billi huwa prekluż milli jeżerċita l-attività tiegħu ta' plejer tal-futbol professjonali matul l-istaġun 2014/2015, huwiex ikkawżat minn aġir żbaljat tal-FIFA u tal-URBSFA, li jikkonsisti fl-implimentazzjoni fil-konfront tiegħu ta' regoli li jiksru l-Artikoli 45 u 101 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 17 tar-RSTP, l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament u l-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 tal-imsemmi regolament.

42 F'dan ir-rigward, din il-qorti tirrileva, minn naħa, li, skont BZ, l-imsemmija regoli għandhom jitqiesu, fid-dawl tas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, EU:C:1995:463), bħala li jostakolaw kemm il-moviment liberu tal-ħaddiema kif ukoll il-kompetizzjoni. Fil-fatt, ir-regola li tinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 17 tar-RSTP, li tgħid li kull klabb tal-futbol professjonali ġdid li jimpjega plejer wara terminazzjoni ta' kuntratt ta' xogħol li seħħ mingħajr raġuni valida huwa responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-kumpens li dan il-plejer jista' jkun obbligat iħallas lill-klabb preċedenti tiegħu, tostakola l-impjieg tal-plejers, għad-detriment kemm ta' dawn il-plejers kif ukoll tal-klabbs li għandhom l-intenzjoni li jimpjegawhom, u dan iktar u iktar peress li l-ammont ta' dan il-kumpens, li sussegwentement għandu jiġi stabbilit skont il-kriterji elenkati fil-punt 1 tal-Artikolu 17 tar-RSTP, ma huwiex ġeneralment magħruf fil-mument li fih il-persuni kkonċernati jistgħu jikkonkludu kuntratt ta' xogħol. Barra minn hekk, dan l-ostakolu huwa msaħħaħ mir-regoli li jinsabu fil-punt 4 tal-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament rispettivament, li jipprevedi li l-klabb il-ġdid huwa preżunt li induċa lill-plejer sabiex jittermina l-kuntratt ta' xogħol li jorbtu mal-klabb preċedenti tiegħu u jesponi lil dan il-klabb il-ġdid, f'ċerti każijiet, għal sanzjoni sportiva. Bl-istess mod, ir-regoli li jinsabu fl-Artikolu 9(1) tar-RSTP u fl-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 ta' dan ir-regolament isaħħu l-imsemmi ostakolu billi jipprojbixxu lill-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol li taħtha jaqa' l-klabb preċedenti milli toħroġ ĊIT għall-plejer jekk teżisti, bejn dan il-klabb preċedenti u dan il-plejer, tilwima li toriġina minn xoljiment prematur ta' kuntratt ta' xogħol li jseħħ mingħajr ftehim reċiproku.

43 Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tosserva li, skont il-FIFA u l-URBSFA, id-diversi regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom, b'mod ġenerali, jinftiehmu billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċità tal-isport li huma rrikonoxxuti mit-Trattat FUE. B'mod iktar partikolari, fil-fehma ta' dawn l-assoċjazzjonijiet, anki jekk jitqies li dawn ir-regoli jostakolaw il-moviment liberu tal-ħaddiema jew il-kompetizzjoni, dawn huma ġġustifikati fid-dawl tal-għanijiet leġittimi li huma, l-ewwel nett, iż-żamma tal-istabbiltà kuntrattwali kif ukoll tal-istabbiltà tat-timijiet tal-futbol u, b'mod iktar wiesa', il-preżervazzjoni tal-integrità, tar-regolarità kif ukoll tal-iżvolġiment tajjeb tal-kompetizzjonijiet sportivi.

44 Min-naħa tagħha, il-qorti tar-rinviju tqis, essenzjalment, li ma huwiex eskluż li, b'mod partikolari meta dawn jiġu kkunsidrati flimkien, id-diversi regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali jostakolaw il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-kompetizzjoni. Hija tindika wkoll li hija tal-opinjoni li, f'dan

il-każ, jeżistu preżunzjonijiet gravi, preċiżi u konkordanti li l-eżistenza u l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli setgħu ostakolaw l-impjieg ta' BZ minn klabb ġdid tal-futbol professjonali wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol li kien jorbtu mal-Lokomotiv Moska. Fil-fatt, l-imsemmija regoli għamlu tali impjieg iktar diffiċli, kif jixhdu b'mod partikolari l-kundizzjonijiet sospensivi stipulati mis-Sporting du Pays de Charleroi fil-proposta ta' impjieg li huwa kien indirizza lil BZ.

45 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domanda preliminari:

"L-Artikoli 45 u 101 tat-Trattat FUEgħandhom ikunu interpretati fis-sens li jipprojbixxu:

– il-prinċipju li l-plejer u l-klabb li jixtieq jimpjegah huma responsabbli *in solidum* bejniethom għall-ħlas tal-kumpens dovut lill-klabb li l-kuntratt mal-plejer inkwistjoni ġie tterminat mingħajr raġuni valida, kif stabbilit [fil-punt 2 tal-]Artikolu 17 tar-[RSTP] tal-FIFA, flimkien mas-sanzjonijiet sportivi previsti [fil-punt 4 tal-]Artikolu 17 tal-istess regolamenti u mas-sanzjonijiet finanzjarji previsti [fil-punt 1 tal-Artikolu] 17;

– il-possibbiltà għall-[assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol] li minnha jiddependi l-klabb preċedenti tal-plejer li ma toħroġx iċ-[ĊIT], li huwa neċessarju sabiex il-plejer jimpjega ruħu ma' klabb ġdid, jekk tkun teżisti tilwima bejn dan il-klabb preċedenti u l-plejer (l-Artikolu 9[(1) tal-istess regolament] u l-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 [tiegħu])?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

46 Fil-15 ta' Diċembru 2022, jiġifieri wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, tliet assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-plejers tal-futbol professjonali, l-ewwel waħda fuq livell internazzjonali (il-Fédération internationale des joueurs professionnels (il-Federazzjoni Internazzjonali ta' Plejers Professjonali), iktar 'il quddiem il-"FIFPro"), it-tieni waħda fuq livell Ewropew (il-Fédération internationale des joueurs professionnels – Division Europe (il-Federazzjoni Internazzjonali ta' Plejers Professjonali – Diviżjoni Ewropa, iktar 'il quddiem il-"FIFPro Europe"), u t-tielet fuq livell Franċiż (l-Union nationale des footballeurs professionnels (l-Unjoni Nazzjonali ta' Plejers Professjonali tal-Futbol (UNFP)), ippreżentaw, flimkien, talba għal intervent volontarju fil-kawża prinċipali.

47 Fid-19 ta' Diċembru 2022, il-qorti tar-rinviju informat lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-eżistenza ta' din it-talba għal intervent volontarju.

48 Mistoqsija mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni jekk l-assoċjazzjonijiet inkwistjoni kellhomx jitqiesu bħala partijiet ġodda fil-kawża prinċipali minħabba s-sempliċi fatt li ppreżentaw rikors għal intervent volontarju jew jekk ir-rikonoxximent eventwali ta' din il-kwalità kienx jeħtieġ deċiżjoni min-naħa tagħha, il-qorti tar-rinviju rrispondiet, essenzjalment, li dawn l-assoċjazzjonijiet kellhom jitqiesu bħala partijiet fil-kawża prinċipali bis-saħħa tar-regoli ta' proċedura nazzjonali applikabbli, jiġifieri l-Artikoli 15 u 16 tal-code judiciaire belge (il-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan), u dan anki jekk ma kienx għadu ġie deċiż dwar l-ammissibbiltà tar-rikors tagħhom.

49 Fid-dawl ta' din ir-risposta, it-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet innotifikata lill-imsemmija assoċjazzjonijiet, konformement mal-Artikolu 97(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, u ngħatalhom terminu sabiex jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

50 Wara l-preżentata ta' dawn l-osservazzjonijiet bil-miktub, il-FIFA talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja, fit-30 ta' Mejju 2023, u sussegwentement mill-ġdid fit-12 ta' Ġunju 2023, sabiex tiċħadhom jew tikkonstata l-inammissibbiltà tagħhom minħabba li t-tliet assoċjazzjonijiet inkwistjoni ma setgħux jitqiesu bħala partijiet ġodda fil-kawża prinċipali. Ir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja informa lill-FIFA li kien ġie deċiż li jieħu nota tat-talba tagħha u li din kienet ser tiġi ttrattata fi żmien xieraq mill-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li ġibed l-attenzjoni tagħha, fl-istennija ta' dan it-trattament, għall-fatt li l-qorti tar-rinviju kienet indikat lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod espliċitu u ċar, li dawn l-assoċjazzjonijiet kellhom jitqiesu bħala partijiet ġodda fil-kawża prinċipali.

51 Fid-29 ta' Novembru 2023, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja sejjaħ, b'mod partikolari, lill-partijiet kollha fil-kawża prinċipali, kif iddeterminati mill-qorti tar-rinviju, għas-seduta għas-sottomissjonijiet orali, prevista għat-18 ta' Jannar 2024. F'din l-okkażjoni, huwa informahom bil-fatt li, wara li ddeliberat fit-23 ta' Novembru 2023, it-Tieni Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li la kien hemm lok li jiġu ddikjarati inammissibbli l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-FIFPro, mill-FIFPro Europe u mill-UNFP, u lanqas li dawn il-partijiet jiġu esklużi mill-proċedura, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-motivi ta' din id-deċiżjoni kienu ser jiġu ppreċiżati fis-sentenza li ttemm l-istanza.

52 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 96(1)(a) tar-Regoli tal-Proċedura, moqri flimkien mal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jipprevedi li, fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari, huma awtorizzati jippreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, il-partijiet fil-kawża prinċipali.

53 Bis-saħħa tal-Artikolu 97(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-partijiet fil-kawża prinċipali huma dawk li huma ddeterminati bħala tali mill-qorti tar-rinviju, konformement mar-regoli proċedurali nazzjonali.

54 Ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika jekk id-deċiżjonijiet tal-qorti tar-rinviju dwar din id-determinazzjoni ttiħdux konformement mar-regoli ta' proċedura nazzjonali applikabbli. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha timxi ma' dawn id-deċiżjonijiet sa fejn dawn ma ġewx inklużi fl-ambitu ta' rimedji previsti mid-dritt nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Orizzonte Salute, C-61/14, EU:C:2015:655, punt 33).

55 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, obbligata tqis bħala parti fil-kawża prinċipali kull persuna li hija ddeterminata bħala tali mill-qorti tar-rinviju, jew li din il-persuna għandha din il-kwalità qabel it-tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari, jew tkun kisbitha sussegwentement.

56 B'eċċezzjoni għal dan il-prinċipju, persuna tista' tiġi rrifjutata l-kwalità ta' parti fil-kawża prinċipali, fis-sens tal-Artikolu 96(1) tar-Regoli tal-Proċedura, moqri flimkien mal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-każ fejn l-elementi tal-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja juru, b'mod manifest, li din il-persuna adixxiet lill-qorti tar-rinviju b'talba għal intervent wara t-talba għal deċiżjoni preliminari biss sabiex tipparteċipa fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari u li hija ma għandhiex l-intenzjoni li jkollha rwol attiv fil-proċedura nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Orizzonte Salute, C-61/14, EU:C:2015:655, punti 35 u 36).

57 F'dan il-każ, kif ġie rrilevat fil-punt 48 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju indikat b'mod espliċitu, ċar u mingħajr riżervi li l-FIFPro, il-FIFPro Europe u l-UNFP kellhom jitqiesu bħala partijiet ġodda fil-kawża prinċipali, konformement mar-regoli proċedurali nazzjonali applikabbli. Barra minn hekk, minn ebda element tal-proċess ma jirriżulta li d-deċiżjoni ta' dik il-qorti dwar dan is-suġġett ġiet emendata jew irtirata fil-kuntest tar-rimedji ġudizzjarji previsti mid-dritt nazzjonali.

58 Barra minn hekk, il-provi ta' dan il-proċess ma jurux b'mod manifest li t-tliet assoċjazzjonijiet inkwistjoni ressqu t-talba tagħhom għal intervent quddiem il-qorti tar-rinviju biss sabiex jipparteċipaw fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari u li huma ma kellhomx l-intenzjoni li jkollhom rwol attiv fil-proċedura nazzjonali.

59 Għaldaqstant, dawn l-assoċjazzjonijiet kellhom jingħataw il-kwalità ta' parti fil-kawża prinċipali, fis-sens tal-Artikolu 96 tar-Regoli tal-Proċedura, b'tali mod li kellhom dritt jippreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

60 Għaldaqstant, ma kienx hemm lok li l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom jiġu ddikjarati inammissibbli.

IV. Fuq l-ammissibbiltà

61 Il-FIFA, l-URBSFA kif ukoll il-Gvern Grieg, dak Franċiż u dak Ungeriż jikkontestaw l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari jew, tal-inqas, ta' ċerti aspetti tad-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja.

62 L-argumenti li huma jressqu dwar dan is-suġġett huma, essenzjalment, ta' tliet tipi. L-ewwel nett, skont il-Gvern Grieg u dak Franċiż kif ukoll l-URBSFA, il-kontenut tad-deċiżjoni tar-rinviju ma josservax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, sa fejn din ma tippreżentax b'mod iddettaljat biżżejjed il-kuntest ġuridiku u fattwali li fih il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll ir-raġunijiet li għalihom din il-qorti tqis neċessarju li tagħmel domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 45 jew 101 TFUE sabiex tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi l-kawża prinċipali. It-tieni nett, il-FIFA u l-URBSFA jsostnu li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ta' natura ipotetika u astratta, sa fejn ma teżistix tilwima reali li t-trattament tagħha jista' jirrendi neċessarja kwalunkwe deċiżjoni interpretattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja. Tali sitwazzjoni tirriżulta, minn naħa, mill-fatt li r-regoli tar-RSTP dwar il-kuntratti ta' xogħol u dwar it-trasferimenti ma kellhomx, finalment, effett negattiv fuq BZ u, min-naħa l-oħra, mill-fatt li t-tilwima fil-kawża prinċipali nbniet artifiċjalment minn BZ, peress li dan tal-aħħar, fil-fatt, qatt ma kellu l-intenzjoni li jingħaqad mas-Sporting du Pays de Charleroi. It-tielet nett, skont il-Gvern Franċiż u dak Ungeriż kif ukoll il-FIFA u l-URBSFA, it-tilwima fil-kawża prinċipali ma għandhiex dimensjoni transkonfinali fis-sens tat-Trattat FUE, jew, skont il-FIFA u l-URBSFA, għandha natura "esterna", b'tali mod li ma tistax taqa' taħt l-Artikolu 45 TFUE. Fil-fatt, il-preġudizzju għal-libertà ta' moviment tal-ħaddiema li BZ iqis li kien vittma tagħha huwa kkostitwit minn ostakolu għall-mobbiltà professjonali tiegħu bejn Stat terz (ir-Russja), fejn huwa stabbilit il-Lokomotiv Moska, u Stat Membru (il-Belġju), fejn huwa stabbilit is-Sporting du Pays de Charleroi.

A. Fuq il-kontenut tad-deċiżjoni tar-rinviju

63 Il-proċedura għal deċiżjoni preliminari stipulata fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qrati nazzjonali b'punti ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni meħtieġa sabiex jiddeċiedu tilwim pendenti quddiemhom. Bis-saħħa tal-ġurisprudenza stabbilita, li hija issa riflessa fl-Artikolu 94(a) u (b) tar-Regoli tal-Proċedura, in-neċessità li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula jew, tal-inqas, tispjega ċ-ċirkustanzi fattwali li fuqhom huma bbażati dawn id-domandi. Barra minn hekk, huwa indispensabbli, hekk kif jistipula l-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura, li t-talba għal deċiżjoni preliminari tesponi r-raġunijiet li wasslu sabiex il-qorti tar-rinviju jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll tar-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali. Dawn ir-rekwiżiti japplikaw b'mod partikolari fl-oqsma li huma kkaratterizzati minn sitwazzjonijiet fattwali u legali kumplessi, bħall-qasam tal-kompetizzjoni (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta fid-deċiżjonijiet tar-rinviju sservi mhux biss sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposti utli, iżda tagħti wkoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet l-oħra kkonċernati l-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet konformement mal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 F'dan il-każ, it-talba għal deċiżjoni preliminari tissodisfa r-rekwiżiti mfakkra fiż-żewġ punti preċedenti ta' din is-sentenza. Fil-fatt, id-deċiżjoni tar-rinviju tippreżenta, b'mod iddettaljat, il-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, din id-deċiżjoni tesponi fil-qosor iżda b'mod ċar ir-raġunijiet ta' fatt u ta' liġi li wasslu lill-qorti tar-rinviju tqis li kien neċessarju li tagħmel din id-domanda kif ukoll il-konnessjoni li tgħaqqad, fil-fehma tagħha, l-Artikoli 45 u 101 TFUE mal-kawża prinċipali.

66 Ulterjorment, il-kontenut tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja juri l-fatt li l-awturi tagħhom ma kellhom l-ebda diffikultà sabiex jifhmu l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, sabiex jifhmu s-sens u l-portata tad-dikjarazzjonijiet fattwali li fuqhom huma bbażati, sabiex jifhmu r-raġunijiet li għalihom il-qorti tar-rinviju qieset li kien neċessarju li tagħmilhom kif ukoll, fl-aħħar mill-aħħar, sabiex jieħdu pożizzjoni b'mod komplet u utli dwar dan is-suġġett.

B. Fuq ir-realtà tat-tilwima u r-rilevanza tad-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja

67 Hija biss il-qorti nazzjonali adita bit-tilwima fil-kawża prinċipali li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja fil-futur, li għandha tevalwa, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari ta' din it-tilwima, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Minn dan isegwi li d-domandi magħmula mill-qrati nazzjonali jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza u li r-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar dawn id-domandi huwa possibbli biss meta jkun jidher, b'mod manifest, li l-interpretazzjoni mitluba ma jkollha l-ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta

l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għall-imsemmija domandi (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 F'dan il-każ, id-dikjarazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju miġbura fil-qosor fil-punti 22 sa 35, 39 u 41 sa 44 ta' din is-sentenza juru n-natura reali tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Barra minn hekk, dawn id-dikjarazzjonijiet juru li l-fatt, għall-qorti tar-rinviju, li jsiru domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE, ma huwiex manifestament nieqes minn rabta mar-realtà u mas-suġġett ta' din it-tilwima.

69 Fil-fatt, mill-imsemmija dikjarazzjonijiet jirriżulta, l-ewwel nett, li din il-qorti hija adita, kemm permezz ta' appell kif ukoll permezz ta' appell inċidentali, b'tilwima li għandha bħala suġġett il-kwistjoni, reali u konkreta, dwar jekk, kif ġie deċiż fl-ewwel istanza, BZ huwiex iġġustifikat li jitlob kumpens għad-dannu li huwa jallega li ġarrab billi kien preklużmilli jeżerċita l-attività tiegħu ta' plejer tal-futbol professjonali matul l-istaġun 2014/2015, minħabba aġir żbaljat tal-FIFA u tal-URBSFA li jikkonsisti fl-implimentazzjoni fil-konfront tagħha tal-Artikolu 17 tar-RSTP, tal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament u tal-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 tal-imsemmi regolament. Il-qorti tar-rinviju tindika, f'dan ir-rigward, li fil-fehma tagħha jeżistu preżunzjonijiet gravi, preċiżi u konkordanti li l-eżistenza u l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli differenti setgħu jostakolaw l-impjieg ta' BZ minn klabb ġdid tal-futbol professjonali wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol li kien jorbtu mal-Lokomotiv Moska. It-tieni nett, it-talba ta' BZ u s-sentenza tal-ewwel istanza li ddikjaratha fondata bħala prinċipju huma bbażati t-tnejn li huma fuq interpretazzjoni kif ukoll fuq applikazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE. It-tielet nett, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima li hija adita biha, hija, min-naħa tagħha, marbuta, sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha, li tiddeċiedi, b'mod partikolari, fuq il-punt dwar jekk l-aġir tal-FIFA u tal-URBSFA għandux jiġi kklassifikat bħala żbaljat minħabba li jikser l-Artikoli 45 u 101 TFUE. Ir-raba' nett, din l-istess qorti ddeċidiet, fid-dawl tal-fatti li tressqu quddiemha, li, kuntrarjament għal dak li jallegaw il-FIFA u l-URBSFA, it-tilwima fil-kawża prinċipali ma tistax titqies li hija artifiċjali.

C. Fuq l-aspetti transkonfinali tal-kawża prinċipali

70 Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-libertà ta' stabbiliment, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-moviment liberu tal-kapital ma japplikawx għas-sitwazzjonijiet li l-elementi kollha tagħhom huma limitati fi ħdan Stat Membru wieħed, bla ħsara għal ċerti każijiet speċifiċi li fihom id-deċiżjoni tar-rinviju turi l-eżistenza ta' elementi konkreti li jippermettu li jiġi stabbilit li l-interpretazzjoni preliminari mitluba hija neċessarja għas-soluzzjoni tat-tilwima minħabba rabta bejn is-suġġett jew iċ-ċirkustanzi ta' din it-tilwima u l-Artikoli 45, 49, 56 jew 63 TFUE, konformement ma' dak li jeżiġi l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punti 38 u 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

71 F'dan il-każ, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tistax titqies li hija inammissibbli sa fejn din tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, minħabba li dan l-artikolu ma għandux rabta mat-tilwima fil-kawża prinċipali minħabba l-assenza tiegħu ta' dimensjoni transkonfinali jew, iktar u iktar, tan-natura "esterna" tiegħu fis-sens li l-URBSFA jagħti lil dan it-terminu.

72 Fil-fatt, il-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons) tindika, fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, li BZ għandu r-residenza tiegħu u ċ-ċentru tal-interessi tiegħu f'Pariġi. Barra minn hekk, hija tfakkar li t-talba ppreżentata minnu għandha bħala għan il-kumpens għad-dannu li huwa jqis li ġarrab matul l-istaġun 2014/2015, billi ġie ostakolat fil-possibbiltajiet tiegħu ta' mobbiltà professjonali lejn Stati Membri oħra, b'mod partikolari lejn il-Belġju fejn is-Sporting du Pays de Charleroi kien ippreżentalu proposta ta' impjieg b'kundizzjonijiet. B'dan il-mod, il-qorti tar-rinviju tenfasizza b'mod ċar, fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, in-natura transkonfinali tas-sitwazzjoni fattwali u legali li tikkaratterizza l-kawża prinċipali, li fiha persuna residenti fi Franza tilmenta li ġiet ostakolata, wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol li kien jorbotha ma' klabb tal-futbol professjonali stabbilit fi Stat terz, fir-rieda pprovata tagħha li teżerċita l-libertà ta' moviment tagħha lejn Stati Membri oħra, b'mod partikolari l-Belġju, minħabba l-eżistenza u l-implimentazzjoni attwali jew potenzjali, fir-rigward tagħha, ta' ċerti regoli adottati mill-FIFA sabiex tirregola l-istatus u t-trasferiment internazzjonali tal-plejers tal-futbol professjonali.

73 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li ebda wieħed mill-argumenti msemmija fil-punt 62 ta' din is-sentenza ma jista' jintlaqa' u li, konsegwentement, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli fl-intier tagħha.

V. Fuq id-domanda preliminari

74 Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 45 u 101 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regoli li ġew adottati minn assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat li għandha bħala għan, b'mod partikolari, li tirregola, torganizza u tikkontrolla l-futbol fuq livell dinji, u li jipprevedu:

– l-ewwel nett, plejer professjonali li jkun parti f'kuntratt ta' xogħol, li lilu jiġi imputat it-terminazzjoni mingħajr raġuni valida ta' dan il-kuntratt, u l-klabb il-ġdid li jimpjegah wara dan it-terminazzjoni huma responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' kumpens dovut lill-klabb preċedenti li għalih kien jaħdem dan il-plejer u li għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-kriterji differenti elenkati f'dawn ir-regoli;

– it-tieni nett, li, fil-każ fejn il-plejer professjonali jiġi impjegat matul perijodu protett bis-saħħa tal-kuntratt ta' xogħol li jkun intemm, il-klabb il-ġdid ikun suġġett għal sanzjoni sportiva li tikkonsisti fi projbizzjoni li jirreġistra plejers ġodda għal perijodu determinat, ħlief jekk juri li ma jkunx induċa lil dan il-plejer sabiex jittermina dan il-kuntratt, u

– it-tielet nett, li l-eżistenza ta' tilwima marbuta ma' dan it-terminazzjoni ta' kuntratt tipprekludi lill-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol li tagħha l-klabb preċedenti huwa membru milli toħroġ iċ-ĊIT neċessarju għar-reġistrazzjoni tal-plejer mal-klabb il-ġdid, bil-konsegwenza li dan il-plejer ma jistax jipparteċipa f'kompetizzjonijiet tal-futbol f'isem dan il-klabb il-ġdid.

A. Kummenti preliminari

75 Preliminarjament, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li, sa fejn l-eżerċizzju ta' sport jikkostitwixxi attività ekonomika, huwa jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li huma applikabbli fil-preżenza ta' tali attività (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 Huma biss ċerti regoli speċifiċi li, minn naħa, ġew adottati esklużivament għal raġunijiet ta' natura mhux ekonomika u li, min-naħa l-oħra, jirrigwardaw kwistjonijiet li jikkonċernaw biss l-isport bħala tali għandhom jitqiesu bħala estranji għal kull attività ekonomika. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, ta' dawk li jirrigwardaw l-esklużjoni tal-plejers barranin mill-formazzjoni tat-timijiet li jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet bejn timijiet li jirrappreżentaw il-pajjiż tagħhom jew dwar l-iffissar tal-kriterji ta' klassifikazzjoni użati għall-għażla tal-atleti li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet fuq bażi individwali (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 Bl-eċċezzjoni ta' dawn ir-regoli speċifiċi, ir-regoli li l-assoċjazzjonijiet sportivi jadottaw sabiex jirregolaw ix-xogħol imħallas, il-provvista ta' servizzi jew l-istabbiliment tal-plejers professjonali jew semiprofessjonali u, b'mod iktar wiesa', ir-regoli li, filwaqt li ma jirregolawx formalment dan ix-xogħol, din il-provvista ta' servizzi jew dan l-istabbiliment, għandhom effett dirett fuq l-imsemmi xogħol, fuq l-imsemmija provvista ta' servizzi jew fuq l-imsemmi stabbiliment jistgħu jaqgħu taħt l-Artikoli 45, 49 u 56 TFUE (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punti 85 u 86 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

78 Bl-istess mod, ir-regoli adottati minn tali assoċjazzjonijiet u, b'mod iktar wiesa', l-aġir ta' dawn l-assoċjazzjonijiet jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar id-dritt tal-kompetizzjoni meta l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet ikunu ssodisfatti (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 Issa, ir-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jagħmlux parti minn dawk li għalihom tista' tiġi applikata l-eċċezzjoni msemmija fil-punt 76 ta' din is-sentenza, li l-Qorti tal-Ġustizzja fakkret repetutament li għandha tibqa' limitata għall-għan proprju tagħha u li ma tistax tiġi invokata sabiex tiġi eskluża kull attività sportiva mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar id-dritt ekonomiku tal-Unjoni (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).

80 Fil-fatt, ir-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom, minn naħa, evidentement, effett dirett fuq ix-xogħol tal-plejers. Għalhekk, dawk imfakkra fil-punti 13 sa 17 ta' din is-sentenza huma intiżi sabiex jirregolaw il-kuntratti ta' xogħol tal-plejers professjonali, li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom u, indirettament, l-attività ekonomika li għaliha dan ix-xogħol jista' jagħti lok. Fir-rigward tar-regoli msemmija fil-punti 10, 19 u 20 ta' din is-sentenza, dawn għandhom jitqiesu li għandhom effett dirett fuq ix-xogħol tal-plejers sa fejn dawn jissuġġettaw għal ċerti kundizzjonijiet il-parteċipazzjoni tagħhom f'kompetizzjonijiet, li tikkostitwixxi l-għan essenzjali tal-attività ekonomika tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punti 59 u 60 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

81 Min-naħa l-oħra, peress li l-formazzjoni tat-timijiet tikkostitwixxi wieħed mill-parametri essenzjali tal-kompetizzjonijiet li matulhom jilagħbu kontra xulxin il-klabbs tal-futbol professjonali u li dawn il-kompetizzjonijiet jagħtu lok għal attività ekonomika, regoli bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kemm jekk huma relatati mal-kuntratti ta' xogħol jew mat-trasferimenti tal-plejers, għandhom ukoll jitqiesu li għandhom effett dirett fuq il-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju ta' din l-attività ekonomika kif ukoll fuq il-kompetizzjoni bejn il-klabbs tal-futbol professjonali li jeżerċitaw din l-attività (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 61).

82 Għaldaqstant, ir-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE.

83 Fit-tieni lok, peress li dawn iż-żewġ artikoli tat-Trattat FUE għandhom kull wieħed għan proprju, peress li jipprevedu kundizzjonijiet ta' applikazzjoni speċifiċi għalihom, li l-applikazzjoni tagħhom ma hijiex reċiprokament esklużiva u li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom, jekk jiġi stabbilit, ma jwassalx għall-istess konsegwenzi, hemm lok, għall-Qorti tal-Ġustizzja, li tinterpretahom suċċessivament, kif titlob il-qorti tar-rinviju.

84 Fit-tielet u l-aħħar lok, l-ispeċifiċitajiet speċifiċi ppreżentati mill-attività sportiva, li, minkejja li jikkonċernaw b'mod speċjali l-isport tad-dilettanti, jistgħu wkoll jinstabu fl-ipprattikar tal-isport bħala attività ekonomika, jistgħu eventwalment jittieħdu inkunsiderazzjoni, fost elementi oħra u sakemm dawn ikunu rilevanti, fl-applikazzjoni tal-Artikoli 45 u 101 TFUE, filwaqt li jiġi osservat, madankollu, li dan it-teħid inkunsiderazzjoni jista' jsir biss fil-kuntest u b'osservanza tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni previsti f'kull wieħed minn dawn l-artikoli (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punti 103 u 104 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

85 B'mod partikolari, meta jiġi sostnut li regola adottata minn assoċjazzjoni sportiva tikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema jew għal akkordju antikompetittiv, il-karatterizzazzjoni ta' din ir-regola bħala ostakolu jew bħala akkordju antikompetittiv għandha, fi kwalunkwe każ, tkun ibbażata fuq eżami konkret tal-kontenut tal-imsemmija regola fil-kuntest reali li fih din hija msejħa li tiġi implimentata (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

B. Fuq id-domanda preliminari sa fejn tirrigwarda l-Artikolu 45 TFUE

1. Fuq l-eżistenza ta' ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema

86 L-Artikolu 45 TFUE, li għandu effett dirett, jipprekludi kull miżura, irrispettivament minn jekk din tkunx ibbażata fuq in-nazzjonalità jew jekk tkunx applikabbli indipendentement min-nazzjonalità, li tista' tisfavorixxi liċ-ċittadini tal-Unjoni meta dawn ikunu jixtiequ jeżerċitaw attività ekonomika fit-territorju ta' Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom billi din il-miżura tipprekludihom jew tiddisswadihom milli jitilqu mill-Istat Membru ta' oriġini tagħhom (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 136 u l-ġurisprudenza ċċitata).

87 F'dan il-każ, mill-kliem tad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju u mid-dikjarazzjonijiet li fuqhom hija bbażata jirriżulta li l-aġir li b'rabta miegħu din il-qorti tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE huwa kkostitwit mill-fatt li l-FIFA adottat u sussegwentement implimentat fir-rigward ta' BZ, li jirrisjedi f'Pariġi, u tal-klabbs tal-futbol professjonali stabbiliti fi Stati Membri oħra li setgħu, anki jekk ikunu jixtiequ, jimjegawh wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol tiegħu mal-Lokomotiv Moska, jew tal-inqas ikunu esponew lil dan il-plejer u lil dawn il-klabbs għar-riskju li japplikaw għalihom diversi regoli tar-RSTP, li jinsabu rispettivament fil-punti 1, 2 u 4 tal-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament, fl-Artikolu 9(1) tal-imsemmi regolament kif ukoll fl-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 tal-istess regolament.

88 Il-punt 2 tal-Artikolu 17 tar-RSTP jipprevedi li plejer professjonali li l-kuntratt ta' xogħol tiegħu ntemm mingħajr raġuni valida u l-klabb il-ġdid li jimpjegah wara din it-terminazzjoni huma responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' kumpens dovut lill-klabb preċedenti li għalih kien jaħdem dan il-plejer. Fir-rigward ta' dan il-kumpens, il-punt 1 tal-Artikolu 17 tar-RSTP jistabbilixxi li, jekk xejn ma huwa previst mill-kuntratt ta' xogħol, dan għandu jiġi kkalkolat billi jittieħed inkunsiderazzjoni d-dritt fis-seħħ fil-pajjiż ikkonċernat, l-ispeċifiċità tal-isport u kull kriterju oġġettiv ieħor, inkluż, b'mod partikolari, kriterju relatat mar-remunerazzjoni u mal-benefiċċji l-oħra dovuti lill-plejer bis-saħħa tal-kuntratt ta' xogħol li ġie tterminat u/jew tal-kuntratt ta' xogħol il-ġdid, kriterju relatat mal-kumplament tal-kuntratt ta' xogħol li ntemm sa massimu ta' ħames snin, kif ukoll kriterju relatat mal-miżati u mal-ispejjeż ikkawżati jew imħallsa mill-klabb preċedenti, amortizzati għall-perijodu kuntrattwali.

89 Sussegwentement, skont il-punt 4 tal-Artikolu 17 tar-RSTP, fil-każ fejn l-impjieg tal-plejer ikkonċernat iseħħ matul perijodu protett bis-saħħa tal-kuntratt ta' xogħol li jkun intemm, li jikkorrispondi għall-ewwel tnejn jew tliet staġuni jew snin koperti minn dan il-kuntratt, skont l-età ta' dan il-plejer, il-klabb il-ġdid ikun suġġett għal sanzjoni sportiva. F'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni tippreċiża, l-ewwel nett, li s-sanzjoni sportiva inkwistjoni tiżdied mal-obbligu li jitħallas il-kumpens imsemmi fil-punti 1 u 2 tal-Artikolu 17 tar-RSTP. It-tieni nett, din is-sanzjoni sportiva hija intiża sabiex tiġi applikata għal kull klabb ġdid li jkun instab li jkun ittermina kuntratt ta' xogħol jew induċa sabiex jittermina tali kuntratt matul il-perijodu protett. It-tielet nett, kull klabb ġdid li jiffirma kuntratt ta' xogħol ma' plejer li jkun temm il-kuntratt ta' xogħol preċedenti tiegħu mingħajr raġuni valida huwa preżunt, sakemm ma jiġix ipprovat mod ieħor, li jkun induċa lil dan il-plejer għal din it-terminazzjoni. Ir-raba' nett, l-imsemmija sanzjoni sportiva tikkonsisti fi projbizzjoni, għall-klabb il-ġdid, milli jirreġistra plejers ġodda, kemm fuq livell nazzjonali jew internazzjonali, għal żewġ perijodi ta' reġistrazzjoni sħaħ u konsekuttivi.

90 Fl-aħħar nett, mill-Artikolu 9(1) tar-RSTP u mill-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 ta' dan ir-regolament jirriżulta b'mod partikolari li l-eżistenza ta' tilwima marbuta ma' terminazzjoni ta' kuntratt mingħajr raġuni valida tipprekludi lill-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol li tagħha l-klabb preċedenti huwa membru milli toħroġ iċ-ĊIT neċessarju għar-reġistrazzjoni tal-plejer ikkonċernat mal-klabb il-ġdid, bil-konsegwenza li dan il-plejer ma jkunx jista' jipparteċipa f'kompetizzjonijiet tal-futbol f'isem dan il-klabb il-ġdid.

91 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 43 u 44 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan is-sett ta' regoli jista' jisfavorixxi lill-plejers tal-futbol professjonali li għandhom ir-residenza tagħhom jew il-post tax-xogħol tagħhom fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom u li jixtiequ jeżerċitaw l-attività ekonomika tagħhom f'isem klabb ġdid stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, billi jitterminaw unilateralment jew wara li jkunu temmew unilateralment il-kuntratt ta' xogħol tagħhom mal-klabb preċedenti tagħhom, għal raġuni li dan il-klabb jippretendi jew jaf jippretendi, b'mod żbaljat jew bir-raġun, li ma jkunx ġust.

92 B'mod iktar preċiż, ir-regoli supplimentari dwar l-iffissar tal-ammont tal-kumpens dovut minn kull plejer lill-klabb preċedenti tiegħu fil-każ ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol mingħajr raġuni valida, previsti fil-punt 1 tal-Artikolu 17 tar-RSTP, ir-regola li kull klabb ġdid li jimpjega lil dan il-plejer huwa responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' dan il-kumpens, li tinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament, u l-preżunzjoni, ċertament konfutabbli, li induċa t-terminazzjoni kif ukoll is-sanzjoni ta' projbizzjoni ta' reġistrazzjoni ta' plejers ġodda li huma applikabbli għall-klabbs il-ġodda bis-saħħa tal-punt 4 tal-Artikolu 17 tal-imsemmi regolament huma ta' natura li jċaħħdu fil-biċċa l-kbira, kemm jekk effettivament, bħal fil-każ ta' BZ, jew għall-inqas potenzjalment, lil kull plejer li jinsab f'tali każ mill-possibbiltà li jsirulu proposti ta'

impjieg sodi u mingħajr kundizzjonijiet min-naħa ta' klabbs stabbiliti fi Stati membri oħra, li l-aċċettazzjoni tagħhom twasslu sabiex jitlaq mill-Istat membru tal-oriġni tiegħu sabiex jeżerċita l-libertà tiegħu ta' moviment. Fil-fatt, l-eżistenza ta' dawn ir-regoli u l-kumbinazzjoni tagħhom għandhom bħala konsegwenza li jimponu fuq dawn il-klabbs riskji legali importanti, riskji finanzjarji imprevedibbli u potenzjalment għoljin ħafna kif ukoll riskji sportivi kbar, li, meħuda flimkien, huma b'mod ċar ta' natura li jiddiswaduhom milli jimpjegaw tali plejers.

93 Min-naħa tagħhom, ir-regoli li jipprojbixxu b'mod ġenerali u awtomatiku, bla ħsara għal ċirkustanzi eċċezzjonali, il-ħruġ taċ-ĊIT neċessarji għar-reġistrazzjoni tal-plejers professjonali mal-klabbs ġodda tagħhom sakemm ikun hemm, bejn dawn il-plejers u l-klabbs preċedenti tagħhom, tilwima marbuta ma' assenza ta' ftehim reċiproku dwar ix-xoljiment prematur tal-kuntratt ta' xogħol, kif previsti fl-Artikolu 9(1) tar-RSTP u fl-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 ta' dan ir-regolament, huma ta' natura li jipprekludu lil dawn il-plejers milli jeżerċitaw l-attività ekonomika tagħhom f'kull Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, u għalhekk li jċaħħdu lil kull klabb stabbilit f'wieħed minn dawn l-Istati Membri l-oħra mill-biċċa l-kbira tal-interess sportiv u ekonomiku tiegħu. Barra minn hekk, dawn ir-regoli tal-aħħar japplikaw speċifikament fil-każ ta' moviment transkonfinali ta' plejer, bl-esklużjoni ta' kull moviment fi ħdan Stat wieħed, kif jirriżulta wkoll mill-Artikolu 1(1) tal-imsemmi regolament. B'hekk, f'dan il-każ, mid-dikjarazzjonijiet tad-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li s-Sporting du Pays de Charleroi speċifikament impona kundizzjonijiet fuq l-offerta ta' reklutaġġ indirizzata lil BZ fid-19 ta' Frar 2015 sabiex jikseb l-assigurazzjoni li jkun jista' jirreġistra u jilgħab lil dan fil-Belġju, assigurazzjoni li BZ ipprova jikseb mingħand il-FIFA u l-URBSFA, iżda li dawn iddikjaraw li ma setgħux jagħtuh inkunsiderazzjoni tal-eżistenza ta' tilwima bejnha u l-Lokomotiv Moska, tilwima li dwarha il-KRT iddeċidiet biss diversi xhur wara.

94 Għaldaqstant, ir-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma ta' natura li jostakolaw il-moviment liberu tal-ħaddiema.

2. Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni eventwali

95 Miżuri ta' oriġini mhux statali jistgħu jiġu ammessi, minkejja li huma ta' natura li jostakolaw libertà ta' moviment stabbilita mit-Trattat FUE, jekk jiġi stabbilit, l-ewwel nett, li l-adozzjoni tagħhom għandha għan leġittimu ta' interess ġenerali kompatibbli ma' dan it-trattat u, għaldaqstant, ta' natura li ma hijiex purament ekonomika, u, it-tieni nett, li huma josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jimplika li huma xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq ta' dan l-għan u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq. Fir-rigward b'mod iktar partikolari tar-rekwiżit dwar l-adegwatezza ta' tali miżuri, għandu jitfakkar li dawn jistgħu jitqiesu li huma xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan invokat biss jekk dawn jissodisfaw verament l-intenzjoni li dan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 251, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 141, u l-ġurisprudenza ċċitata).

96 L-istess bħal fil-każ ta' miżuri li joriġinaw mill-Istat, huwa l-awtur ta' dawn il-miżuri li ma joriġinawx mill-Istat li għandu juri li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi ġew osservati (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 252, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 142, u l-ġurisprudenza ċċitata).

97 F'dan il-każ, fl-aħħar mill-aħħar, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk ir-regoli tar-RSTP inkwistjoni fil-kawża prinċipali jissodisfawx l-imsemmija kundizzjonijiet, fid-dawl tal-argumenti u tal-provi prodotti mill-partijiet. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja hija f'pożizzjoni li tipprovdi lil din il-qorti, fid-dawl tal-elementi li jinsabu fil-proċess quddiemha u bla ħsara għall-verifika minn din tal-aħħar, l-indikazzjonijiet li ġejjin.

a) Fuq it-tfittxija ta' għan leġittimu ta' interess ġenerali

98 Il-FIFA, flimkien mal-URBSFA, issostni li r-regoli tar-RSTP inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom diversi għanijiet li jikkonsistu, l-ewwel nett, fiż-żamma tal-istabbiltà kuntrattwali kif ukoll fl-istabbiltà tat-timijiet tal-klabbs tal-futbol professjonali, it-tieni nett, fiż-żamma, b'mod iktar wiesa', tal-integrità, tar-regolarità kif ukoll tal-iżvolġiment tajjeb tal-kompetizzjonijiet sportivi tal-futbol bejn il-klabbs u, it-tielet nett, fil-protezzjoni tal-ħaddiema li huma l-plejers professjonali. Issa, dawn id-diversi għanijiet huma kollha leġittimi fid-dawl tal-interess ġenerali.

99 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-protezzjoni tal-ħaddiema, għandu jiġi osservat, minn naħa, li din ma taqax taħt l-għan tal-FIFA, kif iddefinit mill-istatuti tagħha, u, min-naħa l-oħra, li din l-assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat lanqas ma ġiet fdata b'missjoni partikolari f'dan il-qasam mill-awtoritajiet pubbliċi. Madankollu, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar jekk, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, tali assoċjazzjoni għandhiex jew le d-dritt li tinvoka t-tfittxija ta' tali għan, peress li huwa biżżejjed, f'dan il-każ, li jiġi kkonstatat, fi kwalunkwe każ, li ma jidhirx kif l-adozzjoni jew l-implimentazzjoni tar-regoli tar-RSTP inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif ikkaratterizzati fil-punt 74 ta' din is-sentenza, tista' tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-plejers professjonali.

100 Fit-tieni lok, fid-dawl tal-għanijiet li tistabbilixxi l-FIFA, kif ippreċiżati fl-Artikolu 2 tal-Istatuti tagħha u mfakkra fil-punt 3 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li l-għan li tiġi żgurata r-regolarità tal-kompetizzjonijiet sportivi jikkostitwixxi għan leġittimu ta' interess ġenerali li jista' jiġi segwit minn assoċjazzjoni sportiva, pereżempju billi jiġu adottati regoli li jistabbilixxu termini għat-trasferimenti ta' plejers sabiex jiġu evitati trasferimenti tardivi li jistgħu jbiddlu b'mod sinjifikattiv il-valur sportiv ta' tali jew tali tim matul kompetizzjoni u, b'hekk, li tiġi kkontestata l-komparabbiltà tar-riżultati bejn it-timijiet differenti involuti f'din il-kompetizzjoni kif ukoll, konsegwentement, l-iżvolġiment tajjeb tal-imsemmija kompetizzjoni fl-intier tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' April 2000, Lehtonen u Castors Braine, C-176/96, EU:C:2000:201, punti 53 u 54).

101 Sussegwentement, dan l-għan għandu importanza partikolari fil-każ tal-futbol, fid-dawl tar-rwol essenzjali mogħti lill-mertu sportiv fl-iżvolġiment tal-kompetizzjonijiet organizzati kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Fil-fatt, dan ir-rwol essenzjali jista' jiġi ggarantit biss jekk id-diversi timijiet kollha inkwistjoni jilgħabu kontra xulxin f'kundizzjonijiet regolatorji u tekniċi omoġenji u jekk jinżamm bilanċ bejn il-klabbs, billi tiġi żgurata ċerta ugwaljanza ta' opportunitajiet (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 143 u l-ġurisprudenza ċċitata).

102 Fl-aħħar nett, peress li l-formazzjoni tat-timijiet tikkostitwixxi wieħed mill-parametri essenzjali tal-kompetizzjonijiet li matulhom jilgħabu kontra xulxin il-klabbs (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 61), l-imsemmi għan jista' jiġġustifika l-adozzjoni mhux biss ta' regoli li jirrigwardaw, fost oħrajn, it-termini għat-trasferimenti ta' plejers matul kompetizzjoni, imsemmija fil-punt 100 ta' din is-sentenza, iżda wkoll, bħala prinċipju u bla ħsara għall-kontenut konkret tagħhom, regoli intiżi sabiex jiżguraw

iż-żamma ta' ċertu grad ta' stabbiltà fil-persunal tal-klabbs, li jservu bħala sors għall-formazzjoni tat-timijiet li jistgħu jintużaw minn dawn il-klabbs matul il-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs. Iż-żamma ta' ċertu livell ta' stabbiltà f'dan il-persunal, u għalhekk ta' ċerta kontinwità tal-kuntratti relatati magħhom, għandha għalhekk titqies bħala li tikkostitwixxi mhux għan leġittimu ta' interess ġenerali fih innifsu, iżda bħala wieħed mill-mezzi possibbli li jikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu ta' interess ġenerali li jikkonsisti f'li tiġi żgurata r-regolarità tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs.

b) Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità

103 Kif jirriżulta mill-punt preċedenti ta' din is-sentenza u kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 65 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-regoli tar-RSTP inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif ikkaratterizzati fil-punt 74 ta' din is-sentenza u mfakkra fil-punti 87 sa 90 tagħha, jistgħu kollha jitqiesu, *prima facie* u bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, bħala li huma xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan li jikkonsisti f'li tiġi żgurata r-regolarità tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs, billi jikkontribwixxu, kull waħda minnhom, sabiex jinżamm ċertu livell ta' stabbiltà fil-persunal tal-klabbs tal-futbol professjonali kollha li jistgħu jipparteċipaw f'dawn il-kompetizzjonijiet.

104 B'kuntrast ma' dan, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, dawn ir-regoli differenti jidhru li jmorru, taħt diversi aspetti, lil hinn, jew saħansitra, għal xi wħud, ħafna lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan, u dan iktar u iktar peress li huma intiżi li japplikaw, fil-parti l-kbira, b'mod konġunt u, għal parti minnhom, matul perijodu ta' żmien konsegwenti, għal plejers li, barra minn hekk, il-karriera tagħhom hija relattivament qasira, peress li din is-sitwazzjoni tirriskja li timmina b'mod qawwi l-iżvolġiment tagħha, jekk ma twassalx lil uħud minn dawn il-plejers sabiex itemmuha b'mod prematur.

105 Fl-ewwel lok, dan huwa l-każ tal-punt 1 tal-Artikolu 17 tar-RSTP sa fejn jistabbilixxi l-kriterji differenti għall-kalkolu tal-kumpens dovut mill-plejer fil-każ ta' terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt ta' xogħol li seħħet "mingħajr raġuni valida", espressjoni li, barra minn hekk, ma hijiex iddefinita b'mod preċiż f'dan ir-regolament innifsu.

106 B'mod partikolari, l-ewwel kriterju, li jikkonsisti, essenzjalment, f'possibbiltà li jittieħed inkunsiderazzjoni d-"dritt fis-seħħ fil-pajjiż ikkonċernat", ma jiggarantixxix l-osservanza effettiva ta' dan id-dritt. Għall-kuntrarju, il-kummentarju uffiċjali tar-RSTP ippubblikat mill-FIFA jippreċiża li dan l-ewwel kriterju, fir-realtà, kważi qatt ma ġie applikat fil-prattika, peress li l-KRT essenzjalment tapplika l-leġiżlazzjoni stabbilita minn din l-assoċjazzjoni nnifisha u, biss b'mod supplimentari, id-dritt Svizzeru. Issa, tali assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni reali u għalhekk ta' rispett effettiv tad-dritt fis-seħħ fil-pajjiż ikkonċernat imur manifestament lil hinn minn dak li jista' jkun neċessarju sabiex jinżamm ċertu livell ta' stabbiltà fil-persunal tal-klabbs sabiex tiġi żgurata r-regolarità tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs. Fir-rigward tat-tieni kriterju espressament previst minn din ir-regola, dwar l-"ispeċifiċità tal-isport", dan jirreferi għal kunċett ġenerali, mingħajr madankollu ma jakkumpanjah b'definizzjoni preċiża li tippermetti li jinftiehem b'liema mod u skont liema modalitajiet dan il-kriterju jista' jintalab jinfluwenza l-kalkolu tal-kumpens dovut mill-plejer, b'tali mod li, minkejja li l-imsemmi kriterju huwa ppreżentat bħala "kriterju oġġettiv", dan jista', fir-realtà, jiġi implimentat b'mod diskrezzjonali, u għalhekk huwa imprevedibbli u diffiċilment jista' jiġi kkontrollat. Issa, l-istabbiliment ta' kriterju li għandu tali karatteristiċi u li joħloq tali konsegwenzi ma jistax jitqies li huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata r-regolarità tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs.

107 Min-naħa tagħhom, il-kriterji l-oħra espressament previsti mill-imsemmija regola, filwaqt li *prima facie* huma iktar oġġettivi u kontrollabbli mill-preċedenti, ma jidhrux li jmorru lil hinn b'mod sinjifikattiv minn dak li huwa neċessarju għal dan l-istess għan. Fil-fatt, minn naħa, ir-remunerazzjoni u l-vantaġġi l-oħra dovuti lill-plejer ikkonċernat bis-saħħa tal-kuntratt ta' xogħol li sussegwentement ġie konkluż minnu ma' klabb ġdid jirrigwardaw relazzjoni ta' xogħol sussegwenti għar-relazzjoni ta' xogħol li ntemmet, b'tali mod li dawn l-elementi għandhom jitqiesu bħala indipendenti mir-relazzjoni ta' xogħol u mill-ispiża tiegħu (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais, C-325/08, EU:C:2010:143, punt 50). Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-miżati u tal-ispejjeż kollha sostnuti mill-klabb preċedenti fl-okkażjoni tat-trasferiment tal-imsemmi plejer lejn il-klabb preċedenti, ammortizzat għall-perijodu kuntrattwali, għandu jiġi osservat li, indipendentement mill-fatt li dan l-element huwa relatat, essenzjalment, ma' relazzjoni kuntrattwali ta' xogħol preċedenti, it-teħid inkunsiderazzjoni tiegħu jidher li huwa partikolarment eċċessiv, peress li huwa ta' natura li jippermetti li jiġu ttrasferiti spejjeż potenzjalment kunsiderevoli fuq il-plejer li, *a priori*, ġew innegozjati esklużivament minn persuni oħra u fl-interess tagħhom stess, bħall-klabbs li huma partijiet għat-trasferiment jew terzi involuti f'dan il-kuntest. Ulterjorment, għandu jiġi kkonstatat li tali kriterji ta' kumpens jidhru li huma intiżi iktar sabiex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-klabbs fil-kuntest ekonomiku speċifiku għat-trasferimenti ta' plejers bejniethom milli sabiex jiġi żgurat l-allegat żvolġiment tajjeb ta' kompetizzjonijiet sportivi, kif jixhed, barra minn hekk, il-mod kif dawn il-kriterji huma interpretati u applikati mill-KRT u mit-TAS, kif jirriżulta minn ċerti deċiżjonijiet ta' dawn il-korpi li jinsabu fil-proċess quddiem l-Qorti tal-Ġustizzja.

108 Fit-tieni lok, dan huwa wkoll, *prima facie*, il-każ tal-punt 2 tal-Artikolu 17 tar-RSTP sa fejn jipprevedi, bħala prinċipju u għalhekk mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Link Logistik N&N, C-384/17, EU:C:2018:810, punt 45), b'mod partikolari għall-aġir effettiv tal-klabb il-ġdid li jorbot lil dan il-plejer, li l-imsemmi klabb huwa responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-kumpens dovut mill-imsemmi plejer lill-klabb preċedenti tiegħu f'każ ta' terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt mingħajr raġuni valida, peress li tali kumpens huwa, barra minn hekk, stabbilit skont il-kriterji li jippreżentaw nuqqasijiet imsemmija fil-punti 106 u 107 ta' din is-sentenza. Barra minn hekk, għalkemm għandu jiġi rrikonoxxut li l-FIFA sostniet li din id-dispożizzjoni ma hijiex applikata b'mod sistematiku u ma tapplikax, b'mod partikolari, meta l-kuntratt il-ġdid ta' plejer li jkun temm il-kuntratt preċedenti tiegħu mingħajr raġuni valida jiġi ffirmat wara d-data ta' skadenza ta' dan il-kuntratt preċedenti, xorta jibqa' l-fatt li, anki jekk tiġi preżunta din is-sitwazzjoni stabbilita, il-punt 2 tal-Artikolu 17 tar-RSTP ma jipprevedix tali nuqqas ta' applikazzjoni u għalhekk ma jiżgurax iċ-ċertezza legali neċessarja f'dan ir-rigward.

109 Fit-tielet lok, dan huwa l-każ ukoll tal-punt 4 tal-Artikolu 17 tar-RSTP sa fejn dan jipprovdi li, minbarra li huwa responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' tali kumpens, dan il-klabb il-ġdid huwa preżunt, bil-kundizzjoni li jipproduċi l-prova kuntrarja, li induċa lil dan il-plejer itemm il-kuntratt mingħajr raġuni valida u, fil-każ li r-reklutaġġ tal-imsemmi plejer iseħħ matul il-perijodu protett tal-kuntratt li jorbtu mal-klabb preċedenti tiegħu, li minħabba f'hekk il-klabb il-ġdid ikun suġġett għal sanzjoni sportiva li tikkonsisti fi projbizzjoni ġenerali li jirreġistra plejers ġodda għal żewġ perijodi ta' reġistrazzjoni sħaħ u konsekuttivi.

110 Fil-fatt, tali sanzjoni sportiva, li l-korpi kompetenti sabiex japplikawha ma għandhomx is-setgħa li jadattaw każ b'każ skont kriterji jew ċirkustanzi partikolari, tidher, fid-dawl tan-natura tagħha u tal-konsegwenzi tagħha, manifestament nieqsa minn kull relazzjoni ta' proporzjonalità man-nuqqas attribwit lill-klabb il-ġdid ikkonċernat. Barra minn hekk, dan in-nuqqas ta' twettiq

ta' obbligu huwa imputat lil dan il-klabb il-ġdid abbażi ta' preżunzjoni li n-natura ġġustifikata tagħha ma tidhirx li hija stabbilita. Ċertament, il-FIFA sostniet li l-eżistenza ta' din il-preżunzjoni hija spjegata mid-diffikultajiet li l-klabb preċedenti ta' plejer seta' jiltaqa' magħhom li kieku kien obbligat jipprova li l-klabb il-ġdid ta' dan il-plejer induċa lil dan itemm b'mod prematur u mingħajr raġuni valida l-kuntratt li kien jorbtu ma' dan il-klabb preċedenti. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm tali argument jista', *prima facie*, jiġġustifika, bħala prinċipju, l-użu ta' preżunzjoni, b'kuntrast ma' dan l-argument ma jiġġustifikax il-preżunzjoni inkwistjoni f'dan il-każ, li tapplika b'mod awtomatiku, jiġifieri mingħajr ma tiddependi minn ebda kundizzjoni li tippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni, anki jekk b'mod limitat, iċ-ċirkustanzi rilevanti tal-każ inkwistjoni, bħal dik li tikkonsisti, pereżempju, f'li jintalab, minn tal-inqas, li l-klabb preċedenti jressaq provi suffiċjenti sabiex jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-klabb il-ġdid induċa lill-plejer għat-terminazzjoni.

111 Barra minn hekk, għalkemm huwa possibbli għal assoċjazzjoni bħall-FIFA li tipprevedi l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli li hija tadotta, sa fejn dawn ir-regoli u s-sanzjonijiet intiżi li jiżguraw l-osservanza tagħhom ikunu ġġustifikati mit-tfittxija ta' għan leġittimu ta' interess ġenerali, tali sanzjonijiet jistgħu jiġu ammessi biss bil-kundizzjoni li l-iffissar tagħhom ikun limitat minn kriterji trasparenti, oġġettivi, nondiskriminatorji u proporzjonati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 257), fejn dan l-aħħar rekwiżit jimplika, b'mod partikolari, li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi speċifiċi għall-każ inkwistjoni fid-determinazzjoni tal-ammont u tat-tul tagħhom, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 108 ta' din is-sentenza. Min-naħa l-oħra, tali kriterji għandhom ikunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ effettiv.

112 Fir-raba' u l-aħħar lok, dan huwa wkoll il-każ tal-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 tar-RSTP sa fejn jipprojbixxi lill-assoċjazzjoni preċedenti, b'mod ġenerali u awtomatiku, bla ħsara għal ċirkustanzi eċċezzjonali, il-ħruġ ta' ĊIT jekk il-klabb preċedenti u l-plejer ikunu opposti permezz ta' tilwima kuntrattwali marbuta ma' nuqqas ta' ftehim reċiproku dwar xoljiment prematur ta' kuntratt ta' xogħol. Fil-fatt, tali dispożizzjoni, li l-implimentazzjoni tagħha tista' twassal sabiex il-plejer ikkonċernat jiġi prekluż milli jeżerċita l-attività professjonali tiegħu kif ukoll sabiex il-klabb il-ġdid ma jitħalliex jilgħab dan il-plejer minħabba l-unika raġuni li teżisti tilwima bejn dan il-plejer u l-klabb preċedenti tiegħu dwar ksur ta' kuntratt li jista' jkun nieqes minn raġuni valida, tikser b'mod manifest il-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod partikolari sa fejn l-applikazzjoni tagħha tinjora ċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ, b'mod partikolari, il-kuntest fattwali li fih seħħ it-terminazzjoni tal-kuntratt, l-aġir rispettiv tal-plejer ikkonċernat u tal-klabb preċedenti tiegħu, kif ukoll tar-rwol jew in-nuqqas ta' rwol li kellu l-klabb il-ġdid, li fuqu hija bbażata, madankollu, il-projbizzjoni li dan il-plejer jiġi rreġistrat u li jilgħab dan il-plejer matul il-kompetizzjonijiet.

113 Il-projbizzjoni inkwistjoni ma tistax, għalhekk, tiġi ġġustifikata minn allegata rieda li jiġi żgurat l-iżvolġiment tajjeb tal-kompetizzjonijiet sportivi. Barra minn hekk, din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tal-FIFA li jgħid li, fil-każ ta' talba għal reġistrazzjoni mressqa mill-assoċjazzjoni nazzjonali l-ġdida tal-futbol li taħtha jaqa' plejer jew fil-każ ta' talba mressqa minn plejer, is-servizzi tiegħu jipproċedu immedjatament u awtomatikament għal reġistrazzjoni provviżorja ta' dan il-plejer. Fil-fatt, id-dispożizzjoni kkonċernata ma tinkludix riferiment għal tali reġistrazzjoni provviżorja u, iktar u iktar, ma timponix li din issir.

3. Konklużjoni

114 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda preliminari, sa fejn tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE, għandha tkun li dan l-artikolu għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regoli li ġew adottati minn assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat li għandha bħala għan, b'mod partikolari, li tirregola, torganizza u tikkontrolla l-futbol fuq livell dinji, u li jipprevedu:

– l-ewwel nett, plejer professjonali li jkun parti f'kuntratt ta' xogħol, li lilu jiġi imputat it-terminazzjoni mingħajr raġuni valida ta' dan il-kuntratt, u l-klabb il-ġdid li jimpjegah wara dan it-terminazzjoni huma responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' kumpens dovut lill-klabb preċedenti li għalih kien jaħdem dan il-plejer u li għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' kriterji kultant impreċiżi jew diskrezzjonali, u xi drabi nieqsa minn rabta oġġettiva mar-relazzjoni ta' xogħol ikkonċernata u xi drabi sproporzjonati;

– it-tieni nett, li, fil-każ fejn il-plejer professjonali jiġi impjegat matul perijodu protett bis-saħħa tal-kuntratt ta' xogħol li jkun intemm, il-klabb il-ġdid ikun suġġett għal sanzjoni sportiva li tikkonsisti fi projbizzjoni li jirreġistra plejers ġodda għal perijodu determinat, ħlief jekk juri li ma jkunx induċa lil dan il-plejer sabiex jittermina dan il-kuntratt, u

– it-tielet nett, li l-eżistenza ta' tilwima marbuta ma' dan it-terminazzjoni ta' kuntratt tipprekludi lill-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol li tagħha l-klabb preċedenti huwa membru milli toħroġ iċ-ĊIT neċessarju għar-reġistrazzjoni tal-plejer mal-klabb il-ġdid, bil-konsegwenza li dan il-plejer ma jistax jipparteċipa f'kompetizzjonijiet tal-futbol f'isem dan il-klabb il-ġdid.

sakemm ma jiġix stabbilit li dawn ir-regoli, kif interpretati u applikati fit-territorju tal-Unjoni, ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li tiġi żgurata r-regolarità tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs, filwaqt li jinżamm ċertu livell ta' stabbiltà fil-persunal tal-klabbs tal-futbol professjonali.

C. Fuq id-domanda preliminari sa fejn tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE

1. Fuq l-Artikolu 101(1) TFUE

115 L-Artikolu 101(1) TFUE jipprojbixxi l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' assoċjazzjonijiet bejn impriżi u l-prattiki kollha miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern.

116 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, f'każ partikolari, teħtieġ li jiġu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet.

a) Fuq il-kunċetti ta' "impriżi" u ta' "assoċjazzjonijiet ta' impriżi"

117 L-Artikolu 101(1) TFUE huwa applikabbli mhux biss għal kull entità li teżerċita attività ekonomika u li għandha, bħala tali, tiġi kklassifikata bħala "impriża", indipendentement mill-forma ġuridika tagħha kif ukoll mill-mod ta' finanzjament tagħha, inklużi entitajiet li huma kkostitwiti fil-forma

ta' assoċjazzjonijiet li għandhom bħala għan, skont l-istatuti tagħhom, l-organizzazzjoni u l-kontroll ta' sport partikolari, sa fejn dawn l-entitajiet jeżerċitaw attività ekonomika relatata ma' dan l-isport, iżda wkoll għal entitajiet li, minkejja li ma jikkostitwixxux neċessarjament huma stess impriżi, jistgħu jiġu kklassifikati bħala "assoċjazzjonijiet ta' impriżi" (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punti 76 sa 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

118 F'dan il-każ, fid-dawl tas-suġġett tal-kawża prinċipali u tad-dikjarazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, għandu jitqies li l-Artikolu 101(1) TFUE huwa applikabbli għall-FIFA bħala assoċjazzjoni li għandha bħala membri assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol li jistgħu huma stess jiġu kklassifikati bħala "impriżi" sa fejn jeżerċitaw attività ekonomika marbuta mal-organizzazzjoni u mal-kummerċjalizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs fuq skala nazzjonali kif ukoll mal-użu ta' drittijiet marbuta magħhom, jew li huma stess għandhom bħala membri jew bħala affiljati entitajiet li jistgħu jiġu kklassifikati bħala tali, bħall-klabbs tal-futbol (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 115, u tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 79).

b) Kunċett ta' "deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi"

119 L-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE fil-preżenza ta' entitajiet bħall-FIFA timplika li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' "ftehim", ta' "prattika miftiehma" jew ta' "deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi", li jistgħu huma stess ikunu ta' natura differenti u jippreżentaw ruħhom f'forom differenti. B'mod partikolari, id-deċiżjoni ta' assoċjazzjoni li tikkonsisti fl-adozzjoni jew fl-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni li għandha effett dirett fuq il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika tal-impriżi li huma direttament jew indirettament membri tagħha tista' tikkostitwixxi tali "deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 118 u l-ġurisprudenza ċċitata).

120 F'dan il-każ, hekk kif jirriżulta mid-dikjarazzjonijiet tad-deċiżjoni tar-rinviju u mill-punt 81 ta' din is-sentenza, huwa fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' dan it-tip li l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE, jiġifieri dawk li jikkonsistu, għall-FIFA, fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni jew fis-setgħa li timplimenta sett ta' regoli dwar il-kuntratti ta' xogħol u dwar it-trasferimenti tal-plejers.

121 Għaldaqstant, tali deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi jaqgħu taħt l-Artikolu 101(1) TFUE.

c) Fuq il-kunċett ta' "effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri"

122 L-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE fil-preżenza ta' tali deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi timplika li jiġi stabbilit, bi grad ta' probabbiltà suffiċjenti, li dawn "jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri", b'mod sinjifikattiv, billi jeżerċitaw influwenza diretta jew indiretta u attwali jew potenzjali fuq it-tendenzi tal-kummerċ, bir-riskju li jostakolaw it-twettiq jew il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li jiġi ppreċiżat li tali kundizzjoni tista' titqies li hija ssodisfatta fil-preżenza ta' aġir li jkopri t-territorju kollu ta' Stat Membru (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

123 F'dan il-każ, din il-kundizzjoni hija, evidentement, issodisfatta fid-dawl tal-fatt li, kif jippreċiża l-Artikolu 1(1) tar-RSTP, ir-regoli stabbiliti minn dan ir-regolament għandhom portata ġeografika "universali".

d) Fuq il-kunċett ta' aġir li għandu "bħala għan" jew bħala "effett" li jippreġudika l-kompetizzjoni

124 Sabiex ikun jista' jiġi kkunsidrat, f'każ speċifiku, li ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew prattika miftiehma jaqgħu taħt il-projbizzjoni ddikjarata fl-Artikolu 101(1) TFUE, huwa neċessarju, konformement mal-kliem innifsu ta' din id-dispożizzjoni, li jintwera jew li dan l-aġir għandu bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, jew li dan l-aġir ikollu tali riżultat (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 158 u l-ġurisprudenza ċċitata).

125 Għal dan il-għan, jeħtieġ, qabel kollox, li jiġi eżaminat l-għan tal-aġir inkwistjoni. Fil-każ fejn, fi tmiem tali eżami jirriżulta li dan l-aġir għandu għan antikompetittiv, ma huwiex neċessarju li jsir eżami tal-effett tiegħu fuq il-kompetizzjoni. Għaldaqstant, huwa biss fil-każ li l-imsemmi aġir ma jistax jitqies li għandu tali għan antikompetittiv li huwa neċessarju li jsir, fit-tieni lok, l-eżami ta' dan l-effett (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 159 u l-ġurisprudenza ċċitata).

126 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "għan" antikompetittiv, filwaqt li ma jikkostitwixxix eċċezzjoni fir-rigward tal-kunċett ta' "effett" antikompetittiv, għandu madankollu jiġi interpretat b'mod strett (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 161 u l-ġurisprudenza ċċitata).

127 Għaldaqstant, dan il-kunċett għandu jinftiehem bħala li jirreferi esklużivament għal ċerti tipi ta' koordinazzjoni bejn impriżi li juru grad suffiċjenti ta' noċività fir-rigward tal-kompetizzjoni sabiex ikun jista' jitqies li ma huwiex neċessarju eżami tal-effetti tagħhom. Fil-fatt, ċerti forom ta' koordinazzjoni bejn impriżi jistgħu jitqiesu, min-natura tagħhom stess, li huma ta' ħsara għall-funzjonament tajjeb tal-kompetizzjoni (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 162 u l-ġurisprudenza ċċitata).

128 L-istess japplika, b'mod partikolari, għal ċerti tipi ta' ftehimiet orizzontali minbarra kartelli, pereżempju dawk li jwasslu għall-esklużjoni ta' impriżi kompetituri mis-suq, jew ukoll ta' ċerti tipi ta' deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 164 u l-ġurisprudenza ċċitata).

129 Kif jirriżulta mill-Artikolu 101(1)(a) u (c) TFUE, li jirreferi b'mod partikolari għall-iffissar tal-"prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ" u għat-tqassim tas-"swieq jew it-taqsim ta' fonti ta' provvista", tali kartelli, tali ftehimiet orizzontali u tali deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi jistgħu jirrigwardaw mhux biss il-prodotti jew is-servizzi kkummerċjalizzati mill-impriżi kkonċernati, għalhekk l-offerta, iżda wkoll ir-riżorsi ta' kull natura li dawn l-impriżi għandhom bżonn sabiex iwettqu dawn il-prodotti jew dawn is-servizzi, u għalhekk fuq id-domanda. L-aġir kollużiv tal-imsemmija impriżi jista' għalhekk jikkonsisti, pereżempju, fit-tqassim tal-forniturі, fl-użu tas-setgħa tagħhom fis-suq kollettiv sabiex jiffissaw il-prezz li bih huma jixtru l-inputs tagħhom jew ukoll, kif diġà rrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-limitazzjoni jew fil-kontroll tal-parametru essenzjali tal-kompetizzjoni li jista' jikkostitwixxi, f'ċerti setturi jew f'ċerti swieq,

ir-reklutaġġ ta' ħaddiema ta' livell għoli, bħalma huma l-plejers diġà mħarrġa fir-rigward tas-settur tal-futbol professjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punti 107, 109 u 110).

130 Sabiex jiġi ddeterminat, f'każ speċifiku, jekk ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew prattika miftiehma jinvolvux, min-natura tagħhom stess, grad suffiċjenti ta' noċività fil-konfront tal-kompetizzjoni tant li jkunu jistgħu jitqiesu li għandhom bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tagħha, huwa neċessarju li jiġi eżaminat, l-ewwel nett, il-kontenut tal-ftehim, tad-deċiżjoni jew tal-prattika inkwistjoni; it-tieni nett, il-kuntest ekonomiku u legali li minnu jifforma parti u, it-tielet nett, l-għanijiet tiegħu (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 165 u l-ġurisprudenza ċċitata).

131 F'dan ir-rigward, qabel kollox, fir-rigward tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku tal-aġir inkwistjoni, hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati kif ukoll il-kundizzjonijiet reali li jikkaratterizzaw l-istruttura u l-funzjonament tas-setturi jew tas-swieq inkwistjoni. B'kuntrast ma' dan, bl-ebda mod ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati u *a fortiori* li jintwerew l-effetti ta' dan l-aġir fuq il-kompetizzjoni, kemm jekk ikunu reali jew potenzjoni u negattivi jew pożittivi (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 166 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-27 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs Servier *et*, C-176/19 P, EU:C:2024:549, punti 288 u 453).

132 Sussegwentement, f'dak li jirrigwarda l-għanijiet segwiti mill-aġir inkwistjoni, għandhom jiġu ddeterminati l-għanijiet oġġettivi li dan l-aġir huwa intiż li jilħaq fir-rigward tal-kompetizzjoni. B'kuntrast ma' dan, il-fatt li l-impriżi involuti aġixxew mingħajr l-intenzjoni li joħolqu prevenzjoni, restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-fatt li huma fittxew ċerti għanijiet leġittimi ma humiex deċiżivi għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 167 u l-ġurisprudenza ċċitata).

133 Fl-aħħar nett, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi kollha msemmija fit-tliet punti preċedenti ta' din is-sentenza għandu, fi kwalunkwe każ, juri r-raġunijiet preċiżi li għalihom l-aġir inkwistjoni jippreżenta grad suffiċjenti ta' noċività fir-rigward tal-kompetizzjoni, li jiġġustifikaw li jiġi kkunsidrat li dan għandu bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tagħha (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 168 u l-ġurisprudenza ċċitata).

134 F'dan il-każ, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kontenut tar-regoli tar-RSTP inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mill-punti 87 sa 90 ta' din is-sentenza jirriżulta li dawn ir-regoli differenti, li huma ppreżentati bħala unità inseparabbli u li għalhekk għandhom jinftiehmu bħala tali, jipprevedu, qabelxejn, li kull plejer tal-futbol, għalhekk b'mod partikolari kull plejer tal-futbol impjegat fl-Unjoni, li jtemm il-kuntratt ta' xogħol li jorbtu mal-klabb preċedenti tiegħu, fi kwalunkwe mument matul it-tul tiegħu, jekk il-FIFA tiddeċiedi sussegwentement li dan it-tmiem seħħ mingħajr raġuni valida, huwa obbligat iħallas lil dan il-klabb preċedenti kumpens li l-ammont tiegħu huwa kkalkolat, fin-nuqqas ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali f'dan ir-rigward, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni numru ta' kriterji.

135 Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li l-ewwel wieħed minn dawn il-kriterji, dwar id-"dritt fis-seħħ fil-pajjiż ikkonċernat", huwa, fil-prattika, baqa' kważi ittra mejta sal-lum, kif ġie rrilevat fil-punt 106 ta' din is-sentenza, u li t-tieni wieħed mill-imsemmija kriterji, dwar l-"ispeċifiċità

tal-isport", huwa fformulat, hekk kif ġie enfasizzat ukoll f'dan l-istess punt 106, f'termini estremament ġenerali u impreċiżi li jistgħu jiġu implimentati b'mod diskrezzjonali, u għalhekk huwa imprevedibbli u diffiċilment jista' jiġi kkontrollat. Fir-rigward tal-kriterji l-oħra, dawn jidhru, mal-ewwel daqqa ta' għajn, li jippermettu l-iffissar ta' kumpens ta' ammont estremament għoli u dissważiv, kif intqal fil-punt 107 ta' din is-sentenza. B'kuntrast ma' dan, l-Artikolu 4 tal-loi du 24 février 1978 relative au contrat de travail du sportif rémunéré (il-Liġi tal-24 ta' Frar 1978 dwar il-kuntratt ta' xogħol fl-isport imħallas (Moniteur belge tad-9 ta' Marzu 1978, p. 2606), imsemmija minn BZ fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, jidher li jipprevedi, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, li, f'sitwazzjoni simili iżda li taqa' taħt id-dritt intern Belġjan, l-ammont tal-kumpens jikkorrispondi biss għar-remunerazzjoni li tibqa' dovuta sat-tmiem tal-kuntratt ta' xogħol li ġie xolt u għalhekk ma jinvolvix elementi li ma humiex relatati mar-relazzjoni ta' xogħol li jirriżultaw minn dan il-kuntratt, simili għal dawk imsemmija fl-istess punt.

136 Sussegwentement, kull plejer li l-klabb preċedenti tiegħu jkun ħarrek quddiem il-KRT sabiex jikseb il-kundanna tiegħu għall-ħlas tal-kumpens in kwistjoni, minħabba l-allegata raġuni li t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol li kienet torbothom seħħet mingħajr raġuni valida, huwa awtomatikament, minħabba dan il-fatt biss u bla ħsara għal ċirkustanzi eċċezzjonali suġġetti għall-evalwazzjoni esklużiva tal-FIFA, imċaħħad mill-possibbiltà li jikseb il-ħruġ taċ-ĊIT li, fil-każ ta' trasferiment lejn klabb ġdid stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak li fih huwa stabbilit il-klabb preċedenti tagħha, hija kundizzjoni rikjesta għar-reġistrazzjoni tiegħu ma' dan il-klabb il-ġdid u tal-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol li magħha huwa affiljat dan tal-aħħar. Konsegwentement, f'tali sitwazzjoni, dan il-plejer jiġi mċaħħad minn kull possibbiltà li jipparteċipa fil-futbol organizzat, kif jirriżulta mill-Artikolu 5(1) u mill-Artikolu 9(1) tar-RSTP.

137 Fl-aħħar nett, kull klabb ġdid li jorbot lil dan il-plejer, minħabba dan il-fatt biss, għandu, l-ewwel nett, jinżamm responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-kumpens li għalih kien jew jista' jiġi kkundannat il-plejer, it-tieni nett, preżunt li, bla ħsara għall-prova kuntrarja, ikun induċa lil dan il-plejer sabiex itemm il-kuntratt ta' xogħol li kien jorbtu mal-klabb preċedenti tiegħu u, it-tielet nett, fil-każ fejn it-terminazzjoni ta' dan il-kuntratt seħħet matul il-perijodu protett ta' dan il-plejer, ikkundannat, minħabba l-applikazzjoni ta' din il-preżunzjoni u mingħajr ma jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ, għal projbizzjoni ġenerali milli jirreġistra kull plejer ġdid fuq livell nazzjonali jew internazzjonali għal żewġ perijodi ta' reġistrazzjoni sħaħ u konsekuttivi.

138 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 52 sa 55 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-qari flimkien tar-regoli tar-RSTP inkwistjoni fil-kawża prinċipali juri, minn naħa, li dawn huma ta' natura li jirrestringu b'mod ġeneralizzat u drastiku, minn perspettiva materjali, il-kompetizzjoni li, fl-assenza tagħhom, tista' tqiegħed kontra xulxin kull klabb tal-futbol professjonali stabbilit fi Stat Membru ma' kull klabb ieħor tal-futbol professjonali stabbilit fi Stat Membru ieħor fir-rigward tar-reklutaġġ ta' plejers diġà impjegati minn klabb partikolari, għandu jiġi osservat li dawn il-plejers jikkostitwixxu, minn perspettiva diġitali, il-parti l-kbira tal-popolazzjoni ta' plejers diġà mħarrġa jew fil-proċess ta' taħriġ li jistgħu jkunu s-suġġett ta' tali reklutaġġ transkonfinali f'mument partikolari, anki jekk jeżisti wkoll, fi kwalunkwe mument, ċertu numru ta' plejers li ma għadhomx suġġetti għal kuntratt għal raġuni jew oħra. Issa, kif ġie rrilevat fil-punti 81 u 129 ta' din is-sentenza, il-possibbiltà li jiġu rreklutati tali plejers tikkostitwixxi parametru ta' kompetizzjoni essenzjali fis-settur tal-futbol professjonali bejn il-klabbs.

139 Fil-fatt, sakemm ma jirċevix il-ftehim tal-klabb preċedenti fil-kuntest ta' trasferiment innegozjat, is-sempliċi fatt li dan il-plejer jiġi impjegat jesponi lill-klabb il-ġdid għar-riskju li jinżamm responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' kumpens ta' ammont potenzjalment kbir ħafna. Barra minn hekk, l-ammont ta' dan il-kumpens huwa ta' natura imprevedibbli ħafna għall-klabb il-ġdid fid-dawl tan-natura tal-kriterji li abbażi tagħhom dan jiġi kkalkolat. Barra minn hekk, sakemm teżisti tilwima bejn il-plejer ikkonċernat u l-klabb preċedenti tiegħu dwar ix-xoljiment prematur tal-kuntratt ta' xogħol li kien jorbothom u għalhekk sakemm ma jingħatax iċ-ĊIT, dan il-plejer la jista' jiġi rreġistrat ma' dan il-klabb il-ġdid u lanqas ma jista' jipparteċipa, f'ismu, f'kull kompetizzjoni li taqa' taħt il-kompetenza tal-FIFA, tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol li huma membri tiegħu jew tal-konfederazzjonijiet kontinentali, bħall-UEFA, li hija tirrikonoxxi. Fl-aħħar nett, ma' dawn id-diversi elementi hemm ukoll ir-riskju li l-klabb il-ġdid jiġi kkundannat, fil-każ fejn ir-reklutaġġ tal-plejer isir matul il-perijodu protett tal-kuntratt li kien jorbot lill-klabb preċedenti tiegħu u li dan il-klabb il-ġdid ma jirnexxilux jikkonfuta l-preżunzjoni li induċa għat-terminazzjoni ta' kuntratt li dan ir-reklutaġġ iwassal sabiex jiġi applikat fil-konfront tiegħu, għal sanzjoni sportiva. Kif ġie osservat iktar 'il fuq, din is-sanzjoni sportiva tikkonsisti fil-projbizzjoni awtomatika tal-imsemmi klabb il-ġdid milli jirreġistra kull plejer ġdid ieħor matul żewġ perijodi ta' reġistrazzjoni sħaħ u konsekuttivi. L-imsemmija sanzjoni sportiva tipprekludih, fil-prattika, milli jilgħab matul logħba kull plejer ġdid ieħor li huwa jkun irid jirrekluta, sitwazzjoni li ċċaħħad tali reklutaġġ minn kull interess prattiku effettiv.

140 Min-naħa l-oħra, din ir-restrizzjoni ġeneralizzata u drastika tal-kompetizzjoni transkonfinali bejn klabbs permezz tar-reklutaġġ unilaterali ta' plejers li diġà huma impjegati, jiġifieri l-aċċess tal-klabbs għall-parti l-kbira tar-"riżorsi" li huma l-plejers, testendi, minn perspettiva ġeografika, għat-territorju kollu tal-Unjoni u tippreżenta, fuq livell temporali, natura permanenti peress li tkopri t-tul kollu ta' kull wieħed mill-kuntratti ta' xogħol li plejer jista' jikkonkludi suċċessivament ma' klabb, u mbagħad, fil-każ ta' trasferiment innegozjat lejn klabb ieħor, ma' dan tal-aħħar, kif jirriżulta wkoll mill-Artikolu 13 tar-RSTP.

141 Fid-dawl tal-karatteristiċi kollha tagħha, l-imsemmija restrizzjoni b'hekk tassigura, fil-prattika, lil kull klabb iċ-ċertezza jew il-possibbiltà kbira li jżomm il-plejers tiegħu stess sakemm il-kuntratt jew is-suċċessjoni ta' kuntratti konklużi magħhom ma jkunux intemmu jew, qabel din l-iskadenza, sakemm ma jiddeċidux li jisseparaw fil-kuntest ta' xoljiment aċċettata mill-plejer jew ta' trasferiment innegozjat tiegħu lejn klabb ieħor, permezz tal-ħlas ta' kumpens għat-trasferiment lil dan tal-aħħar.

142 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-kuntest ekonomiku u ġuridiku li fih jidħlu r-regoli tar-RSTP inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu, qabel kollox, jitfakkar li, fid-dawl tan-natura speċifika tal-"prodotti" li jikkostitwixxu l-kompetizzjonijiet sportivi, mill-perspettiva ekonomika, huwa possibbli, b'mod ġenerali, għal assoċjazzjonijiet li huma responsabbli għal dixxiplina sportiva li jadottaw, jimplimentaw u jiżguraw l-osservanza ta' regoli relattivi, b'mod partikolari, fl-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet f'din id-dixxiplina, fl-iżvolġiment tajjeb tagħhom u fil-parteċipazzjoni tal-isportivi fihom (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 142, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 103 u l-ġurisprudenza ċċitata).

143 Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-futbol u tal-attivitajiet ekonomiċi li għalihom jagħti lok l-eżerċizzju ta' dan l-isport, huwa leġittimu, għal assoċjazzjoni bħall-FIFA, li tissuġġetta l-organizzazzjoni u l-iżvolġiment tal-kompetizzjonijiet internazzjonali għal regoli komuni intiżi sabiex jiggarantixxu l-omoġeneità u l-koordinazzjoni ta' dawn il-kompetizzjonijiet fi ħdan kalendarju annwali jew staġjonali flimkien kif ukoll, b'mod iktar wiesa', sabiex jippromwovu,

b'mod adegwat u effettiv, iż-żamma ta' kompetizzjonijiet sportivi bbażati fuq l-opportunitajiet indaqs u l-mertu. B'mod partikolari, huwa leġittimu, għal tali assoċjazzjoni, li tirregola, permezz ta' tali regoli komuni, il-kundizzjonijiet li fihom il-klabbs tal-futbol professjonali jistgħu jifformaw it-timijiet li jipparteċipaw f'tali kompetizzjonijiet kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom il-plejers stess jistgħu jieħdu sehem fihom. Fl-aħħar nett, huwa leġittimu li tiġi żgurata l-osservanza effettiva ta' dawn ir-regoli komuni permezz ta' regoli li jippermettu li jiġu imposti sanzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punti 144 sa 146, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 104).

144 F'dan il-kuntest, peress li l-iżvolġiment annwali jew staġjonali tal-kompetizzjonijiet tal-futbol professjonali bejn il-klabbs huwa bbażat, fl-Unjoni, fuq il-logħob kontra xulxin u l-eliminazzjoni progressiva tat-timijiet parteċipanti u peress li huwa bbażat, konsegwentement, essenzjalment fuq il-mertu sportiv, li jista' jiġi ggarantit biss jekk dawn it-timijiet kollha jilgħabu kontra xulxin f'kundizzjonijiet regolatorji u tekniċi omoġenji, li jiżguraw ċerta ugwaljanza fl-opportunitajiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 143, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 105), jista' jkun leġittimu, għal assoċjazzjoni bħall-FIFA, li tfittex li tiżgura, sa ċertu punt, l-istabbiltà fil-kompożizzjoni tal-persunal magħmul minn plejers li jservu bħala sors għat-timijiet li huma fformati minn dawn il-klabbs matul staġun partikolari, pereżempju billi tipprojbixxi, bħalma jagħmel l-Artikolu 16 tar-RSTP, ix-xoljiment unilaterali tal-kuntratti ta' xogħol matul l-istaġun, jew saħansitra ta' sena partikolari.

145 B'kuntrast ma' dan, il-karatteristiċi speċifiċi tal-futbol u l-kundizzjonijiet reali tal-funzjonament tas-suq li jikkostitwixxu, mill-perspettiva ekonomika, l-organizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol professjonali bejn il-klabbs ma jistgħux iwasslu sabiex jiġi aċċettat li tiġi ristretta b'mod ġeneralizzat, drastiku u permanenti, jew saħansitra prekluża, fit-territorju kollu tal-Unjoni, kull possibbiltà għall-klabbs li jikkompetu bejn il-fruntieri billi jirreklutaw b'mod unilaterali plejers li diġà ġew impjegati minn klabb stabbilit fi Stat Membru ieħor jew minn plejers li allegatament il-kuntratt ta' xogħol tagħhom ma' tali klabb ġie tterminat mingħajr raġuni valida. Bl-iskuża tal-għan li jiġu evitati prattiki ta' reklutaġġ aggressivi, dawn ir-regoli jikkorrispondu, fil-fatt, għal ftehimiet sabiex il-klabbs ma jieħdux plejers mingħand xulxin li, essenzjalment, iwasslu sabiex is-swieq nazzjonali u lokali jinqasmu artifiċjalment, għall-benefiċċju tal-klabbs kollha. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-mekkaniżmi klassiċi tad-dritt tal-kuntratti, bħad-dritt li l-klabb jirċievi kumpens fil-każ ta' ksur ta' kuntratt minn wieħed mill-plejers tiegħu, jekk ikun il-każ, għall-instigazzjoni ta' klabb ieħor, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-kuntratt, huma biżżejjed sabiex jiżguraw, minn naħa, il-preżenza fit-tul ta' dan il-plejer fl-ewwel klabb iċċitat, skont dawn id-dispożizzjonijiet, u, min-naħa l-oħra, l-andament normali tar-regoli tas-suq bejn klabbs, li jippermettu lil dawn il-klabbs, wara l-iskadenza tat-tul normali tal-kuntratt jew iktar kmieni jekk ikun hemm ftehim finanzjarju konkluż bejn klabbs, li jingaġġaw lil dan il-plejer.

146 Fl-aħħar mill-aħħar, tali regoli, anki jekk huma ppreżentati bħala intiżi sabiex jipprevjenu prattiki ta' teħid ta' plejers min-naħa ta' klabbs li għandhom mezzi finanzjarji ikbar, jkunu simili għal projbizzjoni ġenerali, assoluta u permanenti tar-reklutaġġ unilaterali ta' plejers diġà rreklutati, imposta permezz ta' deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi fuq l-impriżi kollha li huma l-klabbs tal-futbol professjonali u li huma ta' piż fuq il-ħaddiema kollha li huma dawn il-plejers. Huma b'hekk jiffissaw it-tqassim ta' dawn ir-riżorsi bejn dawn il-klabbs, bla ħsara għal trasferimenti

nnegozjati bejniethom. Huma jikkostitwixxu, għalhekk, restrizzjoni ċara tal-kompetizzjoni li l-imsemmija klabbs jistgħu jwettqu fl-assenza tagħhom, li twassal għal tqassim tas-suq favur dawn l-istess klabbs kollha.

147 Fir-rigward, fit-tielet u l-aħħar lok, tal-għan li r-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma intiżi li jilħqu fir-rigward tal-kompetizzjoni, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, indipendentement mill-intenzjoni suġġettiva jew mill-għanijiet leġittimi li jistgħu jimmotivaw jew li jkunu ġew segwiti mill-entità li adottathom, dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li huma intiżi sabiex jiżguraw li, bl-eċċezzjoni tal-każ ta' plejers li l-kuntratt ta' xogħol tagħhom ġie mitmum minħabba raġuni valida jew xolt bi ftehim komuni mal-klabb preċedenti tagħhom, huwa estremament diffiċli, fid-dawl tar-riskji ta' natura legali, finanzjarja u sportiva li dan jimplika, għall-klabbs tal-futbol professjonali li jikkompetu fir-rigward tal-aċċess għar-riżorsi essenzjali li huma l-plejers diġà b'kuntratt, billi jirreklutaw b'mod unilaterali plejer impjegat minn klabb ieħor jew minn plejer li fir-rigward tiegħu huwa allegat li l-kuntratt ġie mitmum unilateralment mingħajr raġuni valida, peress li tali reklutaġġ jista' jseħħ biss permezz ta' trasferiment innegozjat bejn il-klabb preċedenti u l-klabb il-ġdid.

148 B'hekk, l-eżami tal-kontenut tar-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku li jagħmlu parti minnu u tal-għanijiet li huma intiżi li jilħqu juri li dawn ir-regoli jippreżentaw, min-natura tagħhom stess, grad għoli ta' noċività fir-rigward tal-kompetizzjoni li jistgħu jwettqu l-klabbs tal-futbol professjonali billi jirreklutaw unilateralment plejers diġà rreklutati minn klabb jew plejers li allegatament il-kuntratt ta' xogħol tagħhom ġie tterminat mingħajr raġuni valida, u għalhekk billi jfittxu li jkollhom aċċess għar-riżorsi essenzjali għas-suċċess tagħhom li huma dawn il-plejers ta' livell għoli. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li għandhom l-għan li jirrestrinġu, jew saħansitra jipprekludu, l-imsemmija kompetizzjoni, u dan fit-territorju kollu tal-Unjoni. Għaldaqstant, ma huwiex neċessarju li jiġu eżaminati l-effetti tiegħu.

e) Fuq il-possibbiltà li ċertu aġir speċifiku jitqies li ma jaqax taħt l-Artikolu 101(1) TFUE

149 Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li kull ftehim bejn impriżi jew kull deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li jillimitaw il-libertà ta' azzjoni tal-impriżi li huma partijiet f'dan il-ftehim jew li huma suġġetti għall-osservanza ta' dik id-deċiżjoni ma jaqgħux neċessarjament taħt il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 101(1) TFUE. Fil-fatt, l-eżami tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku li fih jaqgħu wħud minn dawn il-ftehimiet u wħud minn dawn id-deċiżjonijiet jista' jwassal sabiex jiġi kkonstatat, l-ewwel nett, li dawn huma ġġustifikati mit-tfittxija ta' għan jew ta' diversi għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali li, fihom innifishom, ma humiex ta' natura antikompetittiva, it-tieni nett, li l-mezzi konkreti li jintużaw sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet huma verament neċessarji għal dan l-għan u, it-tielet nett, li, anki jekk jirriżulta li dawn il-mezzi għandhom bħala effett inerenti ta' restrizzjoni jew distorsjoni, tal-inqas potenzjalment, tal-kompetizzjoni, dan l-effett inerenti ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju, b'mod partikolari billi jelimina kull kompetizzjoni (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 183 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-25 ta' Jannar 2024, Em akaunt BG, C-438/22, EU:C:2024:71, punt 30).

150 Madankollu, din il-ġurisprudenza ma tistax tiġi applikata fil-każ ta' aġir li, minflok ma sempliċement ikollu bħala "effett" inerenti li jirrestrinġi, tal-inqas potenzjalment, il-kompetizzjoni billi jillimita l-libertà ta' azzjoni ta' ċerti impriżi, jippreżenta, fir-rigward ta' din il-kompetizzjoni, livell ta' noċività li jiġġustifika li jiġi kkunsidrat li dawn għandhom bħala "għan" stess il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tagħha (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023,

European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 186 u tal-25 ta' Jannar 2024, Em akaunt BG, C-438/22, EU:C:2024:71, punt 32). Fil-fatt, il-grad ta' noċività ta' dan l-aġir fir-rigward tal-kompetizzjoni, għaldaqstant id-dannu dirett jew indirett li jista' jikkawża lill-utenti u lill-konsumaturi intermedjarji jew finali fid-diversi setturi jew swieq ikkonċernati, huwa kbir wisq sabiex jippermetti li dawn jitqiesu li huma ġġustifikati u proporzjonati.

151 Fir-rigward ta' aġir li għandu bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, huwa għalhekk biss skont l-Artikolu 101(3) TFUE u sakemm jiġu osservati l-kundizzjonijiet kollha previsti minn din id-dispożizzjoni li jista' jingħata l-benefiċċju ta' eżenzjoni mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 101(1) TFUE (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 187 u tal-25 ta' Jannar 2024, Em akaunt BG, C-438/22, EU:C:2024:71, punt 33).

152 F'dan il-każ, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 134 sa 148 ta' din is-sentenza, għandu jitqies li l-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 149 ta' din is-sentenza ma tapplikax fil-preżenza ta' regoli bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

2. Fuq l-Artikolu 101(3) TFUE

153 Mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 101(3) TFUE jirriżulta li kull ftehim, kull deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew kull prattika miftiehma li tirriżulta li tmur kontra l-Artikolu 101(1) TFUE, kemm jekk minħabba l-għan tiegħu jew minħabba l-effett antikompetittiv tiegħu, jista' jibbenefika minn eżenzjoni jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha previsti għal dan l-għan, filwaqt li jiġi osservat li dawn il-kundizzjonijiet huma iktar stretti minn dawk imsemmija fil-punt 149 ta' din is-sentenza (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 189 u l-ġurisprudenza ċċitata).

154 Konformement mal-Artikolu 101(3) TFUE, il-benefiċċju ta' din l-eżenzjoni, f'każ partikolari, huwa suġġett għal erba' kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel nett, għandu jiġi stabbilit, bi grad ta' probabbiltà suffiċjenti, li l-ftehim, id-deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew il-prattika miftiehma inkwistjoni għandhom jippermettu li jinkiseb titjib fl-effiċjenza, billi jikkontribwixxu jew sabiex itejbu l-produzzjoni jew id-distribuzzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati, jew sabiex jippromwovu l-progress tekniku jew ekonomiku. It-tieni nett, għandu jiġi stabbilit, bl-istess mod, li parti ekwa tal-profitt li jirriżulta minn din iż-żieda fl-effiċjenza hija rriżervata għall-utenti. It-tielet nett, il-ftehim, id-deċiżjoni jew il-prattika inkwistjoni ma għandhomx jimponu lill-impriżi parteċipanti restrizzjonijiet li ma humiex indispensabbli sabiex ikun hemm tali kisbiet ta' effikaċja. Ir-raba' nett, dan il-ftehim, din id-deċiżjoni jew din il-prattika ma għandhomx jagħtu lill-impriżi parteċipanti l-possibbiltà li jeliminaw kull kompetizzjoni effettiva għal parti sostanzjali tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 190 u l-ġurisprudenza ċċitata).

155 In-nuqqas ta' osservanza ta' waħda minn dawn l-erba' kundizzjonijiet kumulattivi huwa biżżejjed sabiex jiġi eskluż li l-aġir inkwistjoni jista' jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 101(3) TFUE (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 208).

156 F'dan ir-rigward, għal dak li jikkonċerna t-tielet kundizzjoni, dwar in-natura indispensabbli jew neċessarja tal-aġir inkwistjoni, din timplika li jiġi evalwat u mqabbel l-impatt rispettiv ta' dan l-aġir u tal-miżuri alternattivi realment prevedibbli, sabiex jiġi ddeterminat jekk iż-żieda fl-effiċjenza mistennija mill-imsemmi aġir tistax titwettaq permezz ta' miżuri inqas restrittivi

għall-kompetizzjoni. B'kuntrast ma' dan, hija ma tistax twassal sabiex issir, b'opportunità, għażla bejn tali aġir u tali miżuri alternattivi fil-każ li dawn tal-aħħar ma jkunux jidhru inqas restrittivi għall-kompetizzjoni (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 197).

157 Sabiex jiġi ddeterminat jekk din it-tielet kundizzjoni hijiex osservata f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni, minn naħa, il-fatt, irrilevat fil-punti 105 sa 112 ta' din is-sentenza, li r-regoli tar-RSTP inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma kkaratterizzati minn kombinazzjoni ta' elementi li numru sinjifikattiv minnhom għandu natura diskrezzjonali u/jew sproporzjonata. Barra minn hekk, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt, imsemmi fil-punti 138 sa 140, 145 u 146 ta' din is-sentenza, li dawn ir-regoli jipprevedu restrizzjoni ġġeneralizzata, drastika u permanenti tal-kompetizzjoni transkonfinali li jistgħu jwettqu l-klabbs tal-futbol professjonali billi jipproċedu għar-reklutaġġ unilaterali ta' plejers ta' livell għoli. Fil-fatt, kull waħda minn dawn iż-żewġ ċirkustanzi, meħuda waħedha, teskludi, *prima facie*, li l-imsemmija regoli jitqiesu li huma indispensabbli jew neċessarji sabiex jippermettu li jsir titjib fl-effiċjenza, jekk jitqies li dawn huma stabbiliti.

3. Konklużjoni

158 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda preliminari, sa fejn tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, għandha tkun li dan l-artikolu għandu jiġi interpretat fis-sens li regoli li ġew adottati minn assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat li għandha bħala għan, b'mod partikolari, li tirregola, torganizza u tikkontrolla l-futbol fuq livell dinji, u li jipprevedu:

– l-ewwel nett, plejer professjonali li jkun parti f'kuntratt ta' xogħol, li lilu jiġi imputat it-terminazzjoni mingħajr raġuni valida ta' dan il-kuntratt, u l-klabb il-ġdid li jimpjegah wara dan it-terminazzjoni huma responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' kumpens dovut lill-klabb preċedenti li għalih kien jaħdem dan il-plejer u li għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' kriterji kultant impreċiżi jew diskrezzjonali, u xi drabi nieqsa minn rabta oġġettiva mar-relazzjoni ta' xogħol ikkonċernata u xi drabi sproporzjonati;

– it-tieni nett, li, fil-każ fejn il-plejer professjonali jiġi impjegat matul perijodu protett bis-saħħa tal-kuntratt ta' xogħol li jkun intemm, il-klabb il-ġdid ikun suġġett għal sanzjoni sportiva li tikkonsisti fi projbizzjoni li jirreġistra plejers ġodda għal perijodu determinat, ħlief jekk juri li ma jkunx induċa lil dan il-plejer sabiex jittermina dan il-kuntratt, u

– it-tielet nett, li l-eżistenza ta' tilwima marbuta ma' dan it-terminazzjoni ta' kuntratt tipprekludi lill-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol li tagħha l-klabb preċedenti huwa membru milli toħroġ iċ-ĊIT neċessarju għar-reġistrazzjoni tal-plejer mal-klabb il-ġdid, bil-konsegwenza li dan il-plejer ma jistax jipparteċipa f'kompetizzjonijiet tal-futbol f'isem dan il-klabb il-ġdid.

jikkostitwixxu deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li hija pprojbita mill-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu u li tista' tibbenefika minn eżenzjoni skont il-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu biss jekk jintwera, permezz ta' argumenti u provi konvinċenti, li l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal dan l-għan huma ssodisfatti.

Fuq l-ispejjeż

159 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regoli li ġew adottati minn assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat li għandha bħala għan, b'mod partikolari, li tirregola, torganizza u tikkontrolla l-futbol fuq livell dinji, u li jipprevedu:

– **l-ewwel nett, plejer professjonali li jkun parti f'kuntratt ta' xogħol, li lilu jiġi imputat it-terminazzjoni mingħajr raġuni valida ta' dan il-kuntratt, u l-klabb il-ġdid li jimpjegah wara dan it-terminazzjoni huma responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' kumpens dovut lill-klabb preċedenti li għalih kien jaħdem dan il-plejer u li għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' kriterji kultant impreċiżi jew diskrezzjonali, u xi drabi nieqsa minn rabta oġġettiva mar-relazzjoni ta' xogħol ikkonċernata u xi drabi sproporzjonati;**

– **it-tieni nett, li, fil-każ fejn il-plejer professjonali jiġi impjegat matul perijodu protett bis-saħħa tal-kuntratt ta' xogħol li jkun intemm, il-klabb il-ġdid ikun suġġett għal sanzjoni sportiva li tikkonsisti fi projbizzjoni li jirreġistra plejers ġodda għal perijodu determinat, ħlief jekk juri li ma jkunx induċa lil dan il-plejer sabiex jittermina dan il-kuntratt, u**

– **it-tielet nett, li l-eżistenza ta' tilwima marbuta ma' dan it-terminazzjoni ta' kuntratt tipprekludi lill-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol li tagħha l-klabb preċedenti huwa membru milli toħroġ iċ-ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment neċessarju għar-reġistrazzjoni tal-plejer mal-klabb il-ġdid, bil-konsegwenza li dan il-plejer ma jistax jipparteċipa f'kompetizzjonijiet tal-futbol f'isem dan il-klabb il-ġdid,**

sakemm ma jiġix stabbilit li dawn ir-regoli, kif interpretati u applikati fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li tiġi żgurata r-regolarità tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs, filwaqt li jinżamm ċertu livell ta' stabbiltà fil-persunal tal-klabbs tal-futbol professjonali.

2) L-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li tali regoli jikkostitwixxu deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li hija pprojbita mill-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu u li tista' tibbenefika minn eżenzjoni skont il-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu biss jekk jintwera, permezz ta' argumenti u provi konvinċenti, li l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal dan l-għan huma ssodisfatti.

Firem